**QORTI CIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 ta' Gunju 2017**

**Kawza Numru: 18**
**Rikors Numru: 668/2009/JPG**

**Benny Casha (ID. 346270M) u Pierre Bonello (ID. 379858M) fil-kwalita' taghhom ta' diretturi, ghan-nom u in raprezentanza tas-socjeta' Bronk Productions Limited (C-28473)**

**VS**

**Fedele sive Fredrick Camilleri (ID. 558662M) u Fabian Scerri De Carlo (ID. 428769M)**

## Il-Qorti:

Rat l-att tar-rikors mressaq fil-10 ta' Lulju 2009, li bih u ghar-ragunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti:

1. *Illi socjeta' attrici hija awtrici u produttrici ta' diversi xoghlijiet letterarji, teatrali u awdjovizivi;*

2. *Illi xoghol letterarju u teatrali partikolari illi tieghu is-socjeta' attrici ghandha d-drittijiet esklussivi tal-awtur fuqu hija l-dramm intitolata '"Il-Mara tal-Ministru"', liema dramm kienet inkitbet minn Benny Casha, illi miet fil-15 ta' Frar 1959;*

3. *Illi Benny Casha huwa wiehed mill-fundaturi tal-kumpanija teatrali 'Ta' Bronk', u d-drittijiet tal-awtur fuq ix-xoghlijiet letterarji u teatrali kollha maghmula mill-kumpanija 'Ta' Bronk', ghaddew lil diretturi tas-socjeta' attrici permezz ta' trasferiment Causa Mortis u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;*

4. *Illi wiehed mill-karattri sekondarji tal-dramm '"Il-Mara tal-Ministru"' huwa dak tal-'Avukat Gawdenz Spadaru' illi gie interpretat ghall-ewwel darba mill-konvenut Fabian Scerri de Carlo f'riproduzzjoni tal-dramm '"Il-Mara tal-Ministru"' imtellgha mis-socjeta' attrici fil-15 u s-16 ta' Marzu 1997, gewwa t-Teatru Istitut Kattoliku, il-Furjana;*

5. *Illi wara din il-dramm, u permezz tal-interpretazzjoni tajba tal-konvenut Fabian Scerri de Carlo, il-kumpanija teatrali li ggib l-isem 'Teatru Rjal' u s-socjeta' attrici iddecidew li jizviluppaw il-karattru sekkondarju tal-'Avukat Gawdenz Spadaru' f'wiehed ta' natura protagonista;*

6. *Illi ghalhekk ikkummisjonaw lill-konvenuti Fedele sive Fredrick Camilleri biex jikteb l-iscript u lil Fabian Scerri de Carlo biex bhala attur jinterpreta' l-karattru tal-Avukat Gawdenz';*

7. *Illi l-istess 'Teatru Rjal' bil-kunsens tas-socjeta' attrici ikkummisjonat lill-konvenut Fedele sive Fredrick Camilleri biex jikteb l-iscript ghal serje ta' radju drammi bl-isem 'Il-Praspar ta' Peppina u Huwha Gawdenz', u li fiha l-konvenut Fedele Camilleri adatta l-karattru tal-'Avukat Gawdenz Spadaru', biddillu l-kunjom biex b'hekk sar jismu l-'Avukat Gawdenz Bilocca'. Pero halla intatti l-karateristici fizici, u karratterjali, kif ukoll hafna mill-hwejjeg tal-istess karattru sekondarju li deher fil-dramm '"Il-Mara tal-Ministru"',*

*filwaqt li l-konvenut Fabian Scerri de Carlo gie kkumisjonat sabiex jerga' jiterpreta bhala attur il-karattru tal-'Avukat Gawdenz';*

8. *Illi l-ewwel episodju tas-sensiela tar-radju fuq imsemmija xxandret nhar l-Erbgha 9 ta'Lulju 1997;*

9. *Illi wara s-serje tar-radju, is-socjeta' attrici regghet ikkummissjonat lill-konvenuti biex fil-kaz ta'Fedele Camilleri jikteb l-isript u fil-kaz ta'Fabian Scerri de Carlo biex jinterpreta bhala attur il-karattru tal-'Avukat Gawdenz Bilocca' ghal xoghol teatrali intitolat 'Gawdenz u z-Zekzieka tar-Rahal', liema dramm ittellghet fit-teatru Istitut Kattoliku, l-Floriana, fis-7 u fit-8 ta'Novembru 1998;*

10. *Illi wara din il-dramm, is-socjeta' attrici regghet ikkummisjonat lill-konvenuti, sabiex Fedele Camilleri jikteb l-iscripts u Fabian Scerri de Carlo jinterpreta bhala attur il-karattru tal-'Avukat Gawdenz Bilocca' , ghas-serje televiziva imtellgha mis-socjeta' attrici inttolata 'L-Avukat Gawdenz Bilocca', liema serje ixxandret fuq l-istazzjoni televiziv One TV, gia Super One TV, bejn l-1998 u l-2007;*

11. *Illi s-serje televiziva kienet tinkludi wkoll numru ta' karattri sekondarji kollha bil-karatteristici individwali taghhom liema karattri jinkludu l-karattru ta' 'Gorg ta; Xommula', 'Kalc', 'Mary s-Segretarja' u 'Steph is-Sunshine';*

12. *Illi l-konvnueti dejjem thallsu mis-socjeta' attrici ghax-xoghol illi ghamlu bhala kittieb u attur tal'Avukat Gawdenz Bilocca';*

13. *Illi jigi rilevat illi mill-1998 sal-2008 l-konvenut Fedele sive Fredrick Camilleri thallas mis-socjeta' rikorrenti l-ammont ta' hmistax –il elf tminn mija u disgha u tletin Ewro (€15,839) ekwikalenti ghall sitt elef u tminn mitt Liri Maltin (Lm6,800), fl-ammonti ta' erbghatax –il elf erbgha u tletin ewro sebgha u erbghin ewro centezmi (€14,034.47) f'cekkijiet mahrugin mis-socjeta' attrici f'isem il-konvenut Fedele Camilleri, u elf tminn mija u erbgha ewro tlieta u hamsin ewro centezmi (€1,804.53) bhala flus kontanti, ghax-*

*xoghol kollu illi ghamel bhala kittieb tal-iscripts tal-'Avukat Gawdenz Bilocca';*

14. *Illi jigi rilevat ukoll illi bejn l-1998 u l-2008 l-intimat Fabian Scerri de Carlo thallas mis-socjeta' attrici l-ammont ta' sebgha u ghoxrin elf tliet mija wiehed u tletin Ewro tmienja u sebghin ewro centezmi (€27,331.78) ekwivalenti ghal hdax-il elf sebgha mija tlieta u tletin Liri Maltin u tlieta u hamsin centezmi (Lm11,733.53) bhala attur u interpretu tal-'Avukat Gawdenz Bilocca', tal-commissions fuq il-bejgh ta' minuta reklami ghal kull programm waqt is-serje televiziva tal'Avukat Gawdenz Bilocca' u xoghlijiet ohra relatati mal-uzu ta' dan il-karattru fittizju;*

15. *Illi oltre dan il-konvenut Fabian Scerri de Carlo thallas mis-socjeta' attrici ukoll permezz ta' commissions ohra ta' minuta reklami f;kull episodju televiziv tal-'Avukat Gawdenz Bilocca' bi flus kontanti;*

16. *Illi kienet dejjem is-socjeta' attrici illi pproduciet, irreklamant, sfruttat, hadmet u investiet flusha sabiex il-karattru tal-'Avukat Gawdenz Bilocca' ikollu success ma'Malta kollha;*

17. *Illi wara li s-serje televiziva giet konkluza, il-konvenut Fabian Scerri de Carlo, b'malafidi u minn wara dahar is-socjeta' attrici, irregistra trademark f'ismu ghall-isem, 'L-avukat Gawdenz Bilocca', liema registrazzjoni kellha effett mill-10 t'Ottubru 2007, u li giet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-27 ta'Frar 2009;*

18. *Illi din it-trademark qieghdha tigi opposta min-naha tas-socjeta' attrici permezz ta' kawza ohra quddiem din l-Onor. Qori, diversament preseduta, liema kawza ggib in-numru _/__ __, fl-ismijiet fuq premessi;*

19. *illi lejn l-ahhat tas-sena 2008, is-socjeta' attrici saret taf illi l-konvenuti, permezz tal-kumpanija teatrali gdida kreata minnhom bl-isem 'Moving On', kienu ser itellghu xoghol teatrali bl-isem 'Is-Sur Gawdenz Jerga' Jaghmilha', liema dramm kienet ghal darb' ohra ibbazata fuq il-karattru tal-'Avukat*

*Gawdenz Bilocca' u fuq hafna mill-partijiet sekondarji illi kienu parti integrali mis-serje televiziva fuq citata;*

20. *Illi filfatt fil-dramm surriferita il-karattru tal-'Avukat Gawdenz Bilocca' u hafna mill-karattri sekondarji li jaghmlu parti mill-istess xoghol teatrali, huma riproduzzjoni identika tal-karattri illi ghamlu parti mis-serje televiziva,, kif ukoll dawk tal-'Avukat Gawdenz Spadaru' fil-dramm '"Il-Mara tal-Ministru"';*

21. *Illi l-konvenuti interpellati bonarjament mis-socjeta' attrici biex ma jtellghux din il-dramm baqghu inadempjenti u tellghu din il-dramm fl-14 u l-15 ta'Frar 2009, gewwa t-Teatru Istitut Kattoliku, l-Floriana, liema dramm ittellghet bi skop ta' lukru min-naha tal-istess konvenuti;*

22. *Illi ghalhekk, permezz ta' din ir-riproduzzjoni, id-drittijiet tal-awtur esklussivi u / jew vicini tas-socjeta' attrici gew lezi min-naha tal-konvenuti, illi huma unikament responsabbli ghad-danni kawzati lill-istess socjeta' attrici;*

23. *Illi s-socjeta' attrici taf personalment b'dawn il-fatti kollha;*

24. *Illi ghalhakk kellha ssir din il-kawza;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suepost, jghidu ghalhekk il-konvenuti ghalxiex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tiddikjara illi s-socjeta' attrici tgawdi d-drittijiet tal-awtur esklussivi fuq ix-xoghlijiet artistici, letterarji u awdjovizivi kollha illi fihom isir uzu mill-karattru fittizju tal-'Avukat Gawdenz Bilocca' kif ukoll mill-karattri sekondarji ancillari illi jaghmlu parti integrali mill-istess xoghlijiet;*

2. *Minghajr pregudizzj, tiddikjara illi s-socjeta' attrici tgawdi d-drittijiet tal-awtur vicini fuq l-istess xoghlijiet fuq imsemmija, bhala produtturi tal-istess xoghlijiet;*

3. *Tiddikjara illi l-konvneuti permezz tax-xoghol teatrali illi tellghu fl-14 u ;;-15 ta'Frar 2009, fit-Teatru Istitut Kattoliku, il-Furjana, bl-isem 'Is-Sur Gawdenz Jerga' Jaghmilha' wettqu riproduzzjoni ai termini tal-Kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta ta' xoghol letterarju u teatrali bl-uzu tal-karattru fittizju tal-'Avukat Gawdenz Bilocca' u karattri sekondarji ancillari ghall-istess xoghol. Dan bi ksur tal-ligi u bi ksur tal-jeddijiet esklussivi u/jew vicini tal-awtur li l-socjeta' attrici tgawdi fuq l-imsemmi l-karattru fittizju tal-'Avukat Gawdenz Bilocca' u l-karattri sekondarji fuq imsemmija;*

4. *Tiddikjara illi tali riproduzzjoni min-naha tal-konvenuti saret ghall-iskopijiet kummercjali u ghalhekk irrekat danni ingenti fil-konfront tas-socjeta' attrici;*

5. *Tiddikjara lill-konvenuti respnsabbli ghal dawn id-danni;*

6. *Tillikwida d-danni okkorendo bin-nomina ta'periti nominandi;*

7. *Tordna lill-konvenuti ihallsu d-danni hekk likwidati lis-socjeta' attrici;*

8. *Tipprojbixxi b'mod permanenti lill-konvenuti milli jirriproducu, sew b'mod dirett sew mhux dirett, b'kull mezz li jkun u f'kull forma, kollu kemm hu jew parti minnu, kwalunkwe xoghol artistiku, letterarju u awdjoviziv bl-uzu tal-karattru fittizju tal-'Avukat Gawdenz Bilocca' u karattri sekondarji ancillari ghall-istess xoghol.*

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, inkluz dawk tal-ittra interpellatorja datata u tar-rikors numru 49/09 AL fl-ismijiet 'Benny Casha et noe. vs Fedele sive Fredrick Camilleri et', li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-Risposta ta' Fedele sive Frederick Camilleri u Fabian Scerri de Carlo, datat 29 ta' Settembru 2009, a fol 84, li jaqra hekk;

*Illi huma gew notifikati fl-24 ta' Settembru 2009 b'rikors tar-rikorrenti (intavolat fil-15 ta' Settembru 2009) fejn dawn tal-ahhar talbu lil din l-Onorabbli Qorti tordna numru ta' korrezzjonijiet fir-rikors guramentat bin-numru fuq citat fl-ismijiet fuq premessi, u l-esponenti gew ordnati min dina l-Onorabbli Qorti sabiex jissottomettu r-risposta taghhom fi zmien sebat (7) ijiem mid-data tan-notifika hawn fuq citata.*

*Illi l-esponenti m'humiex f'posizzjoni li jintavolaw ir-risposta taghhom ghaliex dawn ghadhom ma gewx notifikati bir-rikors promotur bin-numru fuq citat u ghaldaqstant ghadhom ma hadux konjizzjoni tal-kawza u tat-talbiet tar-rikorrenti.*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti jirrizervaw il-pozizzjoni taghhom f'dan ir-rigward sakemm huma jigu debitament notifikati bl-imsemmi rikors promotur.*

*Dan salv kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huwa xieraq u opportun fic-circostanzi.*

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta, li bih gie innominat Dr. Ian Vella Galea bhala Perit Legali fit-12 ta' Novembru 2009, a fol 157;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' attrici Bronk Productions Limited, datat 31 ta' Lulju 2014, a fol 389 et seq;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet (responsiva) tal-intimati Fedele sive Frederick Camilleri u Fabian Scerri De Carlo, datat 27 ta' Ottubru 2014, a fol 416 et seq;

Rat ir-Rapport tal-Perit Legali Dr Ian Vella Galea, mahluf fis-27 ta' Ottubru 2016, a fol 484 et seq;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkonsidrat;**

**Benny Casha** xehed permezz ta' affidavit a fol 48 *et seq* tal-process illi fil-15 u 16 ta' Marzu 1998 is-socjeta rikorrenti ipproduciet dramm li kien kiteb nannuh, Benny Casha, bl-isem "Il-Mara tal-Ministru", li kienet diga giet mtella diversi drabi mill-familja tieghu minn meta nkitbet, u cioe mis-snin hamsin. Xehed ukoll illi s-socjeta rikorrenti kienet inkarigat lil Pawlu Micallef biex jidderigi d-dramm, u lill-intimat Fabian Scerri de Carlo sabiex jinterpreta l-karattru sekondarju tal-Avukat Gawdenz Spadaru, li kien diga jidher fl-i*script* tad-dramm originali fis-snin hamsin. Spjega illi din kienet parti ta' avukat b'mohh semplici, bahbuh, li jippretendi li jirbah il-kawzi kollha u filfatt ma jirbah xejn, u li dejjem idahhaq lin-nies bil-buzzullotti tieghu.

Kompla illi Scerri de Carlo tant kien interpreta din il-parti sew u hareg il-karattru tajjeb illi s-socjeta rikorrenti iddecidiet li tizviluppa l-karattru f'wiehed ta' natura protagonista. Xehed li ghalhekk kienu ftehmu ma' Pawlu Testa sabiex jaghmlu dramm ibbazat fuq l-Avukat Gawdenz, u jqabbdu lill-intimat Frederick Camilleri biex jikteb l-i*script* u jidderigiha, u lil Scerri de Carlo biex jinterpreta l-parti tal-Avukat Gawdenz., biex imbaghad id-dramm jigi prodott fil-Harifa tal-1998. Zied illi barra minn hekk kienu kkommisjonaw lil Camilleri biex jikteb l-i*scripts* ghas-serje ta' programmi ghar-radju imxandra fuq Super 1 Radio bl-isem "Il-Praspar ta' Peppina" u huwha Gawdenz, u lil Scerri de Carlo biex jinterpreta l-parti ta' Gawdenz. Kompla illi barra minn hekk is-socjeta rikorrenti flimkien mal-kumpanija Teatru Rjal kienet produciet id-dramm "Gawdenz u z-Zekzieka tar-Rahal" f'Novembru 1998, fejn ukoll Camilleri gie kommissjonat biex jikteb l-i*scripts* filwaqt li Scerri de Carlo gie kkomissjonat biex jinterpreta l-parti ta' Gawdenz.

Spjega li l-intimati dejjem thallsu ghal xogholhom miz-zewg kumpaniji, u c-cekkijiet kienet johorgu mill-kont tas-socjeta rikorrenti. Zied li l-ispejjez kollha relatati mal-produzzjoni ta' dan id-dramm kienu jithallsu mis-socjeta rikorrenti. Xehed illi kien f'dan id-dramm illi Camilleri biddel kunjom l-Avukat Gawdenz ghal Bilocca biex ikun iktar tad-dahk, izda minbarra hekk l-karattru baqa' identiku ghal dak originali fid-dramm Il-"Mara tal-Ministru".

Xehed illi wara s-success ta' dan id-dramm, is-socjeta rikorrenti ridiet taghmel dramm iehor tal-Avukat Gawdenz Spadaru izda Pawlu Testa tat-Teatru Rjal kien kisirha ma' Camilleri u ghalhekk it-Teatru Rjal inqala' mill-progett. Is-socjeta rikorrenti pero riedet tkompli tizviluppa dan l-karattru u ghalhekk regghet ikkomissjonat lill-intimati sabiex ikomplu jagixxu fl-istess rwoli u minn dak iz-zmien saru numru ta' drammi u erba' sensiliet televizivi. Xehed illi din is-serje kellha success kbir u minn diversi *surveys* kien irrizulta illi l-Avukat Gawdenz Bilocca kien l-aktar programm popolari f'Malta u t-talba minn kumpaniji kummercjali biex jirreklamaw il-prodotti taghhom fuq din it-teleserje kien tizdied kuljum. Zied illi filfatt Scerri de Carlo kien thallas ukoll billi inghata minuta riklami f'kull episodju, u dan apparti li kien jithallas *commission* meta kien igib hu xi riklam lejn il-programm u l-kumpanija.

Spjega illi peress li l-isem l-Avukat Gawdenz Bilocca sar sinonimu mas-socjeta rikorrenti, iddeciedew li jinvestu aktar f'dan il-progett. Ghalhekk kienu jaghmlu *stand* f'diversi fieri fejn in-nies setghu jiehdu ritratt ma' Gawdenz (u Scerri de Carlo kien jiehu nofs il-qliegh minn dawn ir-ritratti), u producew numru sostanzjali ta' *merchandise* inkluz *stationery* u anke DVDs bi success kbir. Kompla illi s-socjeta rikorrenti nefqet ukoll hafna flus f'reklamar, u kienet irrangat ma diversi gazzetti u rivisti lokali biex jigu ppublikati stejjer ta' Gawdenz, liema stejjer kien generalment jiktibhom Camilleri.

Xehed li matul is-snin Camilleri kien ghamel xi tibdiliet zghar fil-karattru, bl-ilbes jibqa' l-istess hlief ghan-nuccali li kien nkisser u allura Scerri de Carlo provda iehor u c-cfuf u li kienet taghmilhom il-mara ta' Scerri de Carlo. Zied li Scerri de Carlo kien ukoll xtara karozza biex tintuza minn Gawdenz, wara li s-socjeta rikorrenti kienet tikri wahda ghal dan l-iskop, u s-socjeta rikorenti kienet hallset biex din tigi *sprayed* bil-kulur necessarju.

Kompla illi r-relazzjoni mal-intimati kienet wahda tajba ghalkemm ta' spiss kien ikollhom argumenti ma' Camilleri peress illi kien idum biex jaghtihom l-*iscripts* u ma kienx jonora *d-deadlines.* Xehed illi l-problemi bdew fl-2007 meta s-socjeta rikorrenti kienet iddecidiet li ma tkomplix is-serje televiziva ta' Gawdenz u taghmel produzzjonijiet teatrali biss, haga li Scerri de Carlo ma kienx qabel maghha, u r-relazzjoni mal-intimati saret wahda bierda, sakemm inqata' l-kuntatt ghal kollox.

Xehed illi f'Gunju 2008 skopra permezz tal-publikazzjoni tal-*bookings* tat-Teatru Istitut Kattoliku ghax-xitwa 2009 illi l-intimati kienu ser itellghu dramm bl-isem "Is-Sur Gawdenz Jerga Jaghmilha", bl-isem ta' kumpanija teatrali gdida "Moving On", fl-14 u 15 ta' Frar 2009. Mir-ricerka li ghamlet is-socjeta rikorrenti, skopriet illi f'Ottubru 2007 Scerri de Carlo kien irregistra trademark fuq l-isem 'Avukat Gawdenz Bilocca'. Zied illi fid-dramm bl-isem "Is-Sur Gawdenz Jerga Jaghmilha", il-karattru ta' Gawdenz kien identiku ghall-karattru ta' Gawdenz Spadaru tas-serje ""Il-Mara tal-Ministru"" u Gawdenz Bilocca tas-serje televiza, u li anke intuzaw xi karattri sekondarji li kienu gew mahluqa minn Camilleri meta dan kien gie kkommissjonat u mhallas mis-socjeta rikorrenti waqt is-serje televiziva. Spjega wkoll illi waqt dan id-dramm tqassam *colouring book* lit-tfal li kien fih numru sostanzjali ta' disinni li kienu gew ikkopjati minn tnejn mill-*colouring books* li kienet ipproduciet u hallset ghalihom is-socjeta rikorrenti, u meta kellmet lil min stampa dawn il-kotba, u cioe lil Mario Abela ta' Bestprint Limited, ikkonferma li kien minnu li kien hemm numru ta' disinni identici u li kien wissa lil Scerri de Carlo b'dan. Xehed illi matul is-snin, is-socjeta rikorrenti investiet xi €160,000 fuq l-Avukat Gawdenz Bilocca u qed tigi misruqa bl-agir tal-intimati.

Meta xehed viva voce fis-seduta tas-7 ta' April 2010, spjega illi l-ideja li Gawdenz juza bagalja u jilbes nuccali kienet tieghu, u kien anke hu li kien lewa n-nuccali, u filfatt Scerri De Carlo ma kienx ried jilbsu hekk ghaliex kien iwegghu.

**In kontro-ezami** qabel illi fid-*dramm* ta' Mikelang Borg bl-isem "Il-Konessa Amalfi" hemm numru ta' ismijiet familjarji mad-*dramm* "Il-Mara tal-Ministru", inkluz Gawdenz li f'dak id-dramm kien markiz. Mistoqsi kif jispjega illi fid-dramm "Il-Mara tal-Ministru" Scerri De Carlo interpreta l-karattru ta' Gawdenz bhala wiehed li jippretendi li jirbah hafna kawzi izda ma jirbah xejn, meta dan ma jirrizultax mill-i*script,* wiegeb illi kien id-direttur li jaghti direzzjoni ta' kif trid issir l-interpretazzjoni mill-attur, u Scerri De Carlo kien ha direzzjoni mid-direttur, u skont ma' d-direttur ried minnu.

Rigward is-sensiela tar-radju **xehed li hadd ma thallas**, u spjega illi l-arrangament kien bejn is-socjeta rikorrenti u Pawlu Testa, wara li Testa gie avvicinat minn One Productions Limited biex jaghmlu xi haga fuq ir-radju. Ikkonferma illi kien hu li kien

jaqra l-*credits* fis-serje tar-radju. **Xehed illi Scerri De Carlo tant kien jidhol fil-karattru mill-qalb li gieli xtara xi props hu stess a spejjez tieghu. Ikkonferma illi l-karozza Fiat 500 kien xtraha Scerri De Carlo**, izda xehed illi z-zebgha kienet hallset ghaliha s-socjeta rikorrenti b'reklamar taghha. Mistoqsija jekk dan filfatt kienx *credit* u mhux reklamar xehed illi dawn kienu l-istess haga. Xehed illi hu kien halli lill-intimati u l-Maestro Joe Brown jiproducu c-CDs biex ikunu jistghu jaqilghu lira fil-*parties* u fl-entertainment, **u nnega illi s-socjeta rikorrenti kienet inghatat *commission* mill-bejgh tas-CDs fit-Trade Fair, ghaliex l-introjtu kien zammu kollu Scerri de Carlo.** Xehed illi s-*soft toys* saru wara dahru izda hu ma kien qal xejn peress illi kienu ghal haga nobbli, minhabba li kienu intizi biex jghinu lil Puttinu Cares. Fir-rigward tad-disinni tal-kotba ta' tpingija xehed illi dawn kien tahomlu Scerri De Carlo u kien qallu li kien hemm minnhom ghamilhom habib tieghu u ohrajn li gew *traced* minn fuq ritratti.

**Joseph Casha** xehed permezz ta' affidavit a fol 55 illi id-dramm bl-isem "Il-Mara tal-Ministru" inkiteb minn missieru Benny Casha fis-snin hamsin. Xehed illi il-karattru tal-Avukat Gawdenz Spadaru kien dejjem wiehed ta' "avukat daqsxejn balalu illi jridha ta' avukat kbir izda [...] fil-verita' m'hu intelligenti xejn, kien jghid hafna kliem li ma jaghmlux sens u fid-dramm il-karattri l-ohra kienu jwaqqugh ghac-cajt." Kompla illi dejjem kien jilbes surtun, coff, nuccali u qatt ma jidher fuq il-palk minghajr il-bagalja, u kellu dahqa partikolari. Xehed illi ghalkemm kien hemm diversi persuni li matul is-snin kienu interpretew dan il-karattru, l-ahjar interpretazzjoni kienet tal-intimat Scerri de Carlo.

**Pierre Bonello** xehed permezz ta' affidavit a fol 57 illi huwa wiehed mid-diretturi u fondaturi tas-socjeta rikorrenti flimkien ma' Benny Casha, u li kien ilu involut f'xoghol teatrali mal-familja ta' Benny Casha ghal circa erbghin sena, ghalkemm l-ewwel darba li kien involut fid-dramm "Il-Mara tal-Ministru" kien fis-sena 1997, liema dramm kien gie miktub minn nannu ta' Casha li wkoll kien jismu Benny Casha. Spjega illi l-interpetazzjoni ta' Scerri de Carlo tant kienet tajba illi s-socjeta rikorrenti iddecidiet li tizviluppa l-karattru ta' Gawdenz bhala wiehed ta' protagonist. Ix-xhud ikkonferma u kkorobora il-verzjoni moghtija minn Benny Casha fl-affidavit tieghu.

**In kontro-ezami** xehed illi l-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti hija illi bhala karattru l-Avukat Gawdenz Bilocca ittiehed mid-dramm "Il-Mara tal-Ministru" u ghalhekk is-socjeta rikorrenti ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq dan id-dramm. Xehed ill ghalkemm fl-i*script* m'hemmx indikat kif il-karattru ghandu jgib ruhhu, minn qari tiehu jirrizulta illi l-karattru hu ta' avukat mhux gharef, u barra minn hekk l-interpretazzjoni ta' karattru tigi mid-direzzjoni. Qabel ukoll illi m'hemm l-ebda informazzjoni dwar l-ilbies u l-apparenza tal-Avukat Gawdenz, ghaliex dan ma jkun hemm fl-ebda *script*, u rigward il-karattri, fis-socjeta rikorrenti kienu jghinu lil xulxin dwar kif ghandhom igibu ruhhom u x'jilbsu l-karattri.

Rigward ir-ritratt ezebit mmarkat RC xehed illi m'hemm l-ebda similarita bejn it-tliet karattri kif jidhru, pero d-differenza hi li fil-kumpanija teatrali taghhom kienu ftehmu u ghenu lil xulxin sabiex dan il-karattru kif interpretat minn Scerri De Carlo johrog b'dak il-mod kif jidher fir-ritratt. Xehed illi jahseb illi kien Camilleri li kien hareg bl-ideja li Gawdenz ikollu l-kunjom Bilocca. Xehed ukoll ill fis-sensela tar-radju m'hemm l-ebda karattru mid-dramm "Il-Mara tal-Ministru" u ma ttiehed l-ebda parti mill-i*script* taghha. Ikkonferma li l-hwejjeg li kien jilbes Gawdenz kienu ta' Scerri De Carlo.

Xehed illi huma kienu produtturi tas-sensiela tar-radju ta' Gawdenz flimkien ma Pawlu Testa, **izda m'ghandhom xejn x'jindika dan**, ghaliex huma kienu ghadhom jibdew u kienu minghajr esperjenza u ghalhekk kienu hallew kollox f'idejn Testa. Ikkonferma li kullimkien jirrizulta illi Pawlu Testa kien il-prodottur, flimkien ma' Super One. Xehed illi wara din is-sensiela, kien dejjem Camilleri li kiteb l-i*scripts* tal-produzzjonijiet kollha ta' Gawdenz, u kien dejjem Scerri De Carlo li ntepreta r-rwol. Rigward **il-kotba ta' tpingija xehed illi huwa m'ghandux id-disinni originali** pero kienu hallsu ghalihom. **Imbaghad ikkonferma illi d-disinni kien gabhom Scerri De Carlo**, u ma jafx min kien ghamilhom izda kienet is-socjeta rikorrenti li kienet hallset ghall-istampar. Xehed illi s-socjeta rikorrenti qed tippretendi illi ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq il-kotba ta' tpingija ghaliex kienet hallset ghall-istampar.

**Stephanie Grech Mallia** xehdet permezz ta' affidavit a fol 62 *et seq* tal-process illi hija kienet tghin lis-socjeta rikorrenti f'xoghol klerikali u l-involviment taggha bhala segretarju tal-produzzjoni tat-teleserje 'L-Avukat Gawdenz Bilocca' beda fl-2006.

Spjegat illi hija kienet tikko-ordina mal-intimat Camilleri rigward *scripts,* tqassam *schedules* lil-atturi tkun prezenti fuq is-sit tal-filming u tirraprezenta lis-socjeta rikorrenti waqt li jkun qed jinhadmu l-episodji televizi ta' din s-serje. Xehdet illi xogholha kien jinvolvi wkoll li zzomm kuntatt mal-media u tibghat il-*press releases* fuq is-serje, li generalment kienu jigu miktuba minn Camilleri stess. Ziedet, illi mhux l-ewwel darba li kien ikollha xi argument ma' Camilleri peress illi ma kienx jonora d-*deadlines.* Xehdet ukoll illi l-intimati kienu jithallsu ghax-xoghol taghhom mis-socjeta rikorrenti. Hija kompliet billi kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda ta' Benny Casha fir-rigward tad-dramm bl-isem 'Is-Sur Gawdenz Jerga Jaghmilha.'

**In kontro-ezami** ikkonfermat **illi fil-*credits* tas-sensiela televiziva kien dejjem jissemma illi l-karattru ta' Gawdenz gie mahluq minn Scerri De Carlo.** Ikkonfermat ukoll illi Scerri De Carlo kien jithallas *commission* meta kien igib xi riklami.

**Carmen Bone** xehdet permezz ta' affidavit a fol 65 *et seq* tal-process illi hija tigi bint Benny Casha li miet fil-15 ta' Frar 1959 u li kien kiteb id-*dramm* "Il-Mara tal-Ministru" fi-hamsinijiet. L-Avukat Gawdenz kien karattru sekondarju f'dan id-*dramm,* u l-parti kienet ta' persuna b'karattru semplici li minghalih jaf hafna izda ma jaf xejn. Kompliet illi fis-snin disghin Benny Casha, li jigi t-tifel ta' huha Joseph Casha kien irregistra s-socjeta rikorrenti u kienu tellghu id-dramm "Il-Mara tal-Ministru" fl-1997". Spjegat illi l-parti ta' Gawdenz baqghat bhal dik originali u li l-unika haga li nbidlet kienet id-dahka ta' Gawdenz. Xehdet ukoll illi anke meta Gawdenz sar l-Avukat Gawdenz Bilocca fit-teleserje, il-karattru baqa' l-istess u zamm l-istess hwejjeg li kien ivvinta missierha fil-hamsinijiet.

**In kontro-ezami** xehdet illi fil-verzjoni tad-*dramm* li kiteb missierha, Gawdenza Spadaru kien avukat mhux markiz. Xehdet illi ghalkemm ma tafx jekk il-mod kif kien jilbes kienetx tirrizulta mill-i*script* original, l-ilbies ta' kull attur ma nbidilx.

**Joseph Mangion** xehed permezz ta' affidavit a fol 67 *et seq* illi fil-hamsinijiet huwa kien attur fid-dramm miktub minn Benny Casha bl-isem "Il-Mara tal-Ministru". Xehed illi f'dan id-dramm kien hemm karattru bl-isem ta' Gawdenz li dak iz-zmien kien karattru sekondarju. Spjega illi dan kien persuna b'karattru ferfuxi u naqra

balalu. Kompla illi huwa kien rega ppartecipa f'dan id-dramm fl-1997 meta gie prodott mis-socjeta rikorrenti, u kkonferma illi ghalkemm il-karattru ta' Gawdenz kien inbidel xi ftit fl-apparenza u l-interpretazzjoni, il-personalita tieghu baqghat l-istess. Zied illi huwa kien ukoll ha sehem f'xi episodji televizivi tal-'Avukat Gawdenz Bilocca' u illi hafna aspetti tal-karattru, inkluz l-ilbies u d-dahka, kienu identici ghal dawk tal-istess karattru meta kien parti mid-*dramm* "Il-Mara tal-Ministru".

**Pawlu Testa** xehed permezz ta' affidavit a fol 69 illi huwa direttur tal-kumpanija Teatru Rjal u li ghal habta tal-1997, wara li s-socjeta rikorrenti kienet tellghat id-*dramm* "Il-Mara tal-Ministru", hu u Benny Casha kienu ftiehmu li jipproducu dramm bi shab bejn il-kumpaniji taghhom, fejn din id-darba l-Avukat Gawdenz kien ikun il-protagonista u dan wara li kienet ghogbithom hafna l-interpretazzjoni tal-karattru tal-intimat Scerri de Carlo. Sakemm kellhu ssir dan id-dramm kienu pproducew serje fuq ir-radio bl-isem 'Il-Praspar ta' Peppina u Huwha Gawdenz', u kienu kkommissjonaw lil Camilleri biex jitkeb l-i*scripts* u lil Scerri de Carlo biex jinterpreta l-parti ta' Gawdenz. Imbaghad kienet sar id-*dramm* bl-isem 'Gawdenz u z-Zekzieka tar-Rahal' fejn ghal darba ohra l-intimati gew kommissjonati bhala *script writer* u interpretu tal-karattru ta' Gawdenz rispettivament. Wara dan il-kumpanija tieghu iddeciediet lli tohrog mix-xogholijiet kollha relatati mal-karattru tal-Avukat Gawdenz wara li kellu argument ma' Camileri. Huwa kkonferma illi l-karattru ta' Gawdenz kien wiehed ta' avukat b'mohh semplici, li kien jilbes dejjem suit, coff, nuccali tond u bagalja zghira.

**In kontro-ezami** mistoqsi jekk kienux l-intimati li avvicinawh bl-ideja ta' sensiela tar-radju wiegeb **"Ma ninnegax u ma niftakarx."** Xehed illi meta jkun hemm zewg kumpaniji involuti fil-produzzjoni, dawn jisemmew it-tnejn, **izda kkonferma illi s-socjeta rikorrenti ma tidhirx bhala ko-produttrici f'Dok SDC 7**, ghalkemm diversi atturi kienu taghha. Mistoqsi jekk fis-sensiela tar-radju s-socjeta rikorrenti kienetx ko-produttrici, wiegeb "...**Bronk kienu imdahhlin fiha, ma nafx jekk hux billi provdew l-atturi biss jew le."** Ikkonferma illi **l-lehen tal-persuna li taqra l-*credits* fis-sensiela tar-radju huwa ta' Benny Casha**. Xehed illi meta jirreferi ghal karattru ta' Gawdenz, hu jirreferi ghal-interpretazzjoni ta' Scerri De Carlo ghaliex hu lilu biss ra jahdem din il-parti.

**Pawlu Micallef** xehed permezz ta' affidavit a fol 71 *et seq* illi huwa hadem kemm il-darba fid-*dramm* "Il-Mara tal-Ministru" li kien fih parti sekondarja tal-Avukat Gawdenz li kien avukat b'mohh semplici li dejjem jghati pariri hziena u li kien jilbes glekk, ikun bil-lobbja u kellu bagalja. Spjega illi fl-1997 Benny Casha kien inkarigah sabiex jidderigi id-dramm bl-isem "Il-Mara tal-Ministru" fejn il-parti tal-Avukat Gawdenz kienet giet interpretata minn Scerri de Carlo. Ftakar li Scerri de Carlo kien zied xi partikolaritajiet fosthom illi karkar iktar id-dahka li kienet diga prezenti fl-iscript originali, pero dawn iz-ziedet dejjem saru taht id-direzzjoni tieghu skont kif hu xtaq li jigi interpretat il-karattru. Kompla illi fil-bqija il-karattru baqa' identiku fil-personalita, partikolaritajiet u ilbies, u dan anke meta l-Avukat Gawdenz sar karattru protagonist fit-teleserje prodotta mis-socjeta rikorrenti.

**In kontro-ezami** xehed illi **jista' jkun illi c-coff, in-nuccali u l-ilbes ta' Gawdenz Spadaru kien gabu Scerri De Carlo stess.** Xehed illi mill-i*script* ma jirrizultax illi kien jaghti parir, ghaliex fid-dramm kien biss l-gharus, u persuna semplici hafna. **Qabel illi f' "Il-Mara tal-Ministru" l-enfazi kienet illi Gawdenz kien l-gharus ta' Stella, mhux li hu avukat.**

**Dun Gwann Galea** xehed permezz ta' affidavit a fol 73 *et seq* illi s-socjeta rikorrenti kienet tellghat diversi drammi gewwa t-Teatru Istitut Kattoliku, fosthom "Il-Mara tal-Ministru" f'Marzu 1997; Is-Sur Gawdenz u z-Zekzieka tar-Rahal f'Novembru 1998; Is-Sur Gawdenz u s-Sindku ta' Beijng f'Novembru 1999; Is-Sur Gawdenz fl-Unjoni Ewropeja f'Mejju 2002; Il-Majsi u l-Mara tal-Ministru f'Dicembru 2002; u Gawdenz u l-Konkors ta' Miss World f'Ottubru 2003. Xehed illi huwa dejjem thallas mis-socjeta rikorrenti bl-eccezzjoni tad-dramm "Is-Sur Gawdenx Jerga Jaghmilha" li sar fi Frar 2009 u li kien ittella mill-kumpanija *Moving On*, meta kienu hallsu l-intimati ghal kiri tat-teatru u spejjez ancillari.

**Mario Abela** xehed permezz ta' affidavit a fol 79 *et seq* illi huwa direttur ta' stamperija bl-isem *Bestprint Company* li kienet hadmet numru ta' ordinijiet ta' xoghol ghas-socjeta rikorrenti anke peress illi kienet gie ikkomissjonata biex taghmel il-*printing* kollu relatat max-xogholijiet tal-Avukat Gawdenz. Kompla illi l-ewwel darba li saret ordni ghal printing mill-intimt Scerri de Carlo relatat mal-Avukat Gawdenz kien ghal habta ta' Ottubru. Spjega illi hu kien dejjem jaghmilha cara lil Scerri de

Carlo illi ma setghux u ma kienux ser juzaw materjal tal-Avukat Gawdenz li diga kienu ghamlu ghas-socjeta rikorrenti u dejjem insista mieghu biex johodlu disinni originali. Xehed illi eventwalment sar jaf illi kien hemm xi kwistjoni dwar *colouring book,* u wara li qabbel l-originali mal-gdid innota illi numru sostanzjali ta' tpingijiet fil-*colouring book* li sar ghal Scerri de Carlo kienu identici ghal dak li gew ippublikati fil-*colouring books* tas-socjeta rikorrenti.

**Joseph Borg** xehed permezz ta' affidavit a fol 77 illi huwa kien jahdem bhala attur fil-teleserje l-Avukat Gawdenz Bilocca fejn dejjem kien inkarigat minn Benny Casha u mhallas mis-socjeta rikorrenti. Xehed illi gieli Camilleri kien javvicinah u joffrilu li jahdem bhala attur f'xogholijiet li ma kienux tas-socjeta rikorrenti izda huwa dejjem irrifjuta b'sens ta' lealta lejn is-socjeta rikorrenti.

**Fabian Scerri De Carlo** xehed permezz ta' affidavit a fol 180 *et seq* illi **huwa qatt ma kien impjegat tas-socjeta rikorrenti** izda kien jippartecipa f'produzzjonijiet imtellghin minnha. Spjega illi huwa kien interpreta l-karattru ta' Gawdenz Spadaru ghall-ewwel darba fid-dramm "Il-Mara tal-Ministru" imtella mis-socjeta rikorrenti fil-15 u s-16 ta' Marzu 1997, fejn il-parti ta' Gawdenz Spadaru kienet parti terzjarja. Kompla illi l-i*script* bl-ebda mod ma kien jindika x'karattru kellu Gawdenz, u lanqas id-dehra tieghu jew il-mossi li juza, u filfatt atturi kollegi tieghu qabblu li dan il-karattru qatt ma kien gie interpretat bil-mod kif ghamlu hu. Zied ukoll illi ebda persuna, inkluz id-direttur ma qaltlu kif jinterpreta dan il-karattru, u cahad illi l-parti ta' Gawdenz Spadaru mill-pinna tal-mejjet Benny Casha jew Vitorin Galea kienet diga turi dan il-karattru dejjem liebes glekk, coff, nuccali u bagalja. Zied illi tant mhux minnu li minn dejjem Gawdenz kien avukat li dejjem jaghti parir hziena, li fl-i*script* originali qatt ma ta parir.

Spjega illi kien ghazel li jinterpreta l-karattru ta' Gawdenz Spadaru b'dak il-mod partikolari ghaliex kien diga kellu f'mohhu kif kellu jidher u x'mossi ghandu jkollu. Kompla li kien biss hu li decieda kif kellu jilbes ghal fuq il-palk, u kien hu li ddecieda li kellu jitkellmu b'mod kalm hafna. Dan apparti li hu stess kien hadem u ghawweg is-saqajn tan-nuccali biex johrog widnejh il-barra ghaliex kien jaf li b'dak il-modd il-wicc kien ser jinbidel kompletament. Xehed ukoll illi l-karatteristici tal-wicc u mossi tal-karattru Gawdenz ma kienux effett ta' jew meghjuna minn xi *make-up* teatrali izda

kienu biss espressjonijiet tal-wicc li wettaq hu. Xehed illi minn dak in-nhar kien beda jara kif ser jaghmel biex ikompli jizviluppa dan il-karattru, u infatti ftit gimghat wara u fuq inizjattiva personali tieghu stess, kien mar ghand l-intimat Camilleri, liebes u ghamilha ta' Gawdenz, u qallu li ried jizviluppa dan il-karattru. Kompla illi Camilleri mill-ewwel ra li dan il-karattru kellu potenzjal u bdew jiddiskutu fid-dettal il-karatteristici li kellu jkollu Gawdenz. Zied li hu ma jichadx li l-karattru kif nafuh illum beda jinbet mill-interpretazzjoni tieghu f "Il-Mara tal-Ministru".

Xehed illi l-intimati ma kienux jafu li s-socjeta rikorrenti u Pawlu Testa kellhom l-idejha li jtellghu dramm bbazata fuq l-Avukat Gawdenz fl-1998, u cahad li hu kien mar ghand Camilleri ghaliex kienet baghtitu s-socjeta rikorrenti. Spjega li lejn April u Mejju 1997 hu u Camilleri kienu tkellmu ma' Pawlu Testa ghax riedu jtellghu sensiela ibbazata fuq l-Avukat Gawdenz, u filfatt Camilleri kien diga lesta xi *scripts*. Minhabba f'hekk Testa kien mar ikellem lil Ray Azzopardi tas-Super 1, li kienu tellghu sensiela tar-radju fejn Gawdenz kellu l-kunjom Bilocca u li xxandret ghal ewwel darba fid-9 ta' Lulju 1997. Kompla illi kien l-iskop ahhari tieghu illi dan il-karattru jkompli jizviluppa, bl-appogg ta' Camilleri. Ikkonferma illi s-socjeta rikorrenti ma kellha x'taqsam xejn ma din is-sensiela. Xehed illi din is-sensiela kellha success kbir u kemm il-darba kienu jwaffquh in-nies u jaghmlulu d-dahqa ta' Gawdenz.

Kompla li wara dan kien gie prodott id-dramm "Gawdenz u z-Zekzieka tar-Rahal", fejn l-arrangamenti kienu saru bejn l-intimati u Pawlu Testa tat-Teatru Rjal biss, pero ftit qabel ma bdew ir-rapprezentazzjonijiet, jidher li kienet dahlet ukoll fil-produzzjoni s-socjeta rikorrenti. Xehed illi kienu l-intimati li kienu jiehdu hsieb isibu kollaboraturi u s-socjeta rikorrenti kienu emnu fil-prodott taghhom u accettaw li jtellghu dawn ir-raprezentazzjonijiet teatrali. **Iddikjara li l-intimati fl-beda hin ma gew kommissjonati biex joholqu xi karattru, ghaliex il-karattru ta' Gawdenz Bilocca kienu holqu hu fuq inizjattiva personali tieghu. Xehed ukoll illi fl-ebda hin ma kien ghamel xi arrangament mas-socjeta rikorrenti li kien ser jaghtihom xi jedd fuq il-karattru mahluq minnu.**

Xehed illi wara li raw is-success ta' din il-produzzjoni, l-intimati kienu iddeciedew li jkomplu jtellghu drammi teatrali mas-socjeta rikorrenti, u peress li l-popolarita tal-

karattru baqghat dejjem tikber kienu ddeciedew li jaghmlu sensiela televiziva wkoll. Xehed illi **tul is-snin is-socjeta rikorrenti qatt ma kienet pretendiet li ghandha xi drittjiet fuq il-karattru ta' Gawdenz, u min dejjem kienu jirrikonoxxu li l-karattru kien gie mahluq minnu anke fil-*credits* tas-sensiela televiziva.** Iddikjara illi l-hlas tieghu bhala attur ghal kull episodju, li kien jinvolvi madwar 35 siegha xoghol, **kien ta' Lm25**, u spjega li l-hlas li kien jinghata bhala *commission* minn bejgh ta' rklami ma kellu x'jaqsam xejn mas-sehem tieghu bhala attur, ghaliex dan kien servizz separat li kien jinvolvi hafna giri u hin, u filfatt kien jithallas biss wara li jkun sar l-pagament lis-socjeta rikorrenti. Zied illi filfatt *commission* huwa pagament normali li jsir fl-industrija lil xi hadd li jirnexxielu jgib xi riklami. **Xehed illi mhux minnu li hu kien thallas Lm2215 ghax-xoghol tieghu bhala attur fis-sensiela televiziva, ghaliex hu kien thallas total ta' Lm1500, u cioe Lm25 ghal sittin episodju.** Zied illi mhux minnu li kien hemm xi ftehim illi jekk ikun hemm riklam fejn jidher bhal Gawdenz dan ghandu jixxandar waqt li jkun qieghed jigi mxandar xi episodju ta' Gawdenz stess. **Xehed ukoll illi l-inizjattiva tal-*merchandise* kienet kollha tieghu u kien jiddeciedi hu ma min jaqsam dawn l-inzijattivi.**

Xehed ukoll illi l-artikli li kienu jidhru fil-*magazines* mhux kollha kienu jinktibu minn Camilleri, u dawk li kienu jinkitbu minn Camilleri kienu l-ewwel jigu mghoddija lid-dirigenti **tas-socjeta rikorrenti ghal approvazzjoni, u hadd qatt ma lmenta jew oggezzjona fuq il-kontenut tal-artikoli.** Spjega illi r-rapprezentanti tas-socjeta rikorrenti ma kienux jikkontribwixxu ghal progress fil-karattru ta' Gawdenz Bilocca bl-ideat taghhom, **u anke kien ikun hu stess li jiddeciedi x'jilbes Gawdenz, u l-hwejjeg u l-props li kien juza kienu u ghadhom proprjeta esklussiva tieghu, inkluz il-karozza Fiat 500, li kienet thallset minnu personalment**. Rigward l-kwistjoni tal-*parties* xehed illi mhux minnu li kienu jiehu l-permess tas-socjeta rikorrenti biex jaghmel dawn il-parties u inoltre kienu jiehu hsieb kollox hu u ma kienx mistenni li jaghti xi rendikont lis-socjeta rikorrenti.

**Kompla illi Dominic Said darba biss kien tqabbad biex jikteb *script,* u hu kien irrifjuta li jahdmu anke ghaliex Said ma kienx fehem il-karattru**. Xehed illi meta kien sar jaf Camilleri kien gharraf lil Benny Casha illi hadd iktar hliefu ma jista' jikteb stejjer ibbazati fuq Gawdenz Bilocca. Zied illi eventwalment kien inqata' l-kuntatt mas-socjeta rikorrenti ghaliex is-sensiela ma baqghatx tigi prodotta u allura

ma kienx hemm iktar raguni ghalfejn ikollhom kuntatt. Ikkonferma illi l-atturi ma kellhomx xi kuntratt esklussiv mas-socjeta rikorrenti.

Ikkonferma illi b'effett mill-10 ta' Ottubru 2007 kien irregistra *trademark* taht l-isem Avukat Gawdenz Bilocca kif ukoll id-disinn tas-*soft toy* b'effett mill-10 ta' Dicembru 2007. Rigward il-kotba ta' tpingija cahad illi Mario Attard kien wissieh jew talbu biex ifornieh bid-disinni originali ghaliex dawn id-disinni originali saru mis-Sur Carm Borg fuq inzjattiva tieghu personalment u qatt ma kien ftiehem mas-socjeta rikorrenti li kien ser ikollhom xi dritt fuq dawn id-disini. Cahad ukoll illi hu kien sforza lis-socjeta rikorrenti biex taghmel *credit line* li l-karattru ta' Gawdenz kien gie mahluq minnu, u qal illi dan kien sar ghaliex dik kienet il-verita. Finalment xehed illi mir-ricerki li ghamlu l-*intimati* jidher illi d-*dramm* huwa msejjes fuq *dramm* antik tas-seklu dsatax.

Xehed ukoll in subizzjoni fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2010 u qal illi l-produzzjonijiet kollha li saru ibbazata fuq Gawdenz wara li spiccat is-sensiela televiziva, saru kollha bi skop li jsir qliegh, u anke r-riklami li ghamel bhala Gawdenz kienu bi qliegh. Xehed illi mill-atturi li hadu sehem hu avvicina tnejn biss, u wiehed minnhom kien diga telaq mis-sensiela tat-televizjoni ta' Gawdenz. **Ikkonferma li l-karattru ta' Gawdenz Bilocca kien holqu hu fl-1997**. Xehed illi **<u>qabel</u> ma rregistra t-*trademark* kien diga kellem lil Benny Casha dwar dan, u Casha kien jghidlu li m'hemmx ghalfejn ghaliex il-*credits* kollha juru li l-karattru holqu hu.** Ikkonferma li dawn il-*credits* kienu nktibu mis-socjeta rikorrenti stess. Xehed illi meta kien ha sehem bhala attur mas-socjeta rikorrenti dejjem thallas ghax-xoghol tieghu, u l-qliegh mill-produzzjonijiet kien imur ghas-socjeta rikorrenti. Xehed illi hu ma talabx xi flus lis-socjeta rikorrenti ghad-drittijiet tal-awtur fuq Gawdenz ghaliex ghalih il-flus huma sekondarji.

Huwa kkonferma l-figuri fir-rigward tal-qliegh maghmul mill-produzzjonijiet tal-kumpanija Movin On li xehed dwarhom Camilleri, u zied illi apparti dawn u kien ghamel xi riklami ghal "tal-Lira" u ghal Puttinu Cares, fejn tal-ahhar kien ghamilhom minghajr qliegh. Rigward ir-riklami li ghamel "tal-Lira" xehed illi b'kollox thallas €200.

**In kontro-ezami** xehed illi huwa ma thallasx tas-sensiela tar-radju, izda ghall-produzzjonijiet teatrali u televizivi thallas mis-socjeta rikorrenti. Xehed illi ghalkemm ir-rwol ta' direttur huwa li jidderigi, id-direttur Maltin ma jghidulekx kif ghandek tesprimi ruhek, u filfatt lanqas Paul Micallef ma kien jaghmel dan. Huwa kkonferma u xehed b'mod konsistenti ma dak li xehed fl-affidavit tieghu, u mistoqsi ghalfejn it-*trademark* irregistraha ghaxar snin wara li nholoq il-karattru wiegeb illi ghaliex dak iz-zmien Casha kien qallu li fejn ma jilghabx ihassar, u ghalhekk dak il-kliem kien hassbu, u dak iz-zmien lanqas kien jaf li tezisti *copyright* ta' karattru. Xehed illi huwa rregistra *trademark* mhux ghax hass li s-socjeta rikorrenti kellha xi dritt **izda ghaliex ried jipprotegi lilu nnifsu.**

**Fedele sive Frederick Camilleri** xehed permezz ta' affidavit a fol 343 *et seq* illi fl-1997 kien iltaqa' mal-intimat Scerri De Carlo, li kien mar ghandu u libes ta' dan il-karattru li kellu f'mohhu, li aktar il-quddiem gie zviluppat bhala l-Avukat Gawdenz Bilocca. Semmalu wkoll dahqa partikolari w unika, u mill-ewwel kien baqa' impressjonat tant li mill-ewwel bdew jiguh f'mohhu idejat ta' kif jista' jizviluppa l-karattru. Spjega li Scerri De Carlo kien ha mieghu video tad-dramm "Il-Mara tal-Ministru" fejn hu kien interpreta l-parti terzjarja tal-Avukat Gawdenz Spadaru, u kien qallu li dan id-dramm kien gie prodott qabel izda hu kien l-ewwel attur li interpreta l-karattru b'dak il-mod.

Spjega li kien zammew l-isem izda bidlu l-kunjom ghal Bilocca u kienu bidlu wkoll l-ilbies u d-djalettika tal-karattru. Xehed illi differenza importanti kienet illi filwaqt illi fid-dramm "Il-Mara tal-Ministru" il-karattru ta' Gawdenz kien jiffoka fuq ir-rwol tieghu bhala l-gharus tat-tifla tal-ministru, il-karattru ta' Gawdenz Bilocca huwa mibni esklussivament fuq il-professjoni ta' avukat li "tant kien jilhaqlu li bit-tahwid li kien ihawwad hu stess, kien jirnexxielu johrog dejjem minn fuq." Kompla illi Scerri De Carlo ried li jwasslu lil dan il-karattru fuq it-televizjoni, izda hu qallu, u kien ftehmu, li l-ewwel jibdew b'sensiela tar-radju. Ghalhekk kienu kellmu lil Pawlu Testa fuq dan, li kien thajjar u qalilhom illi Super One ikunu lesti li jitkellmu maghhom dwar dan il-progett. Filfatt Pawlu Testa kien tkellem ma' Ray Azzopardi tas-Super One, u l-ftehim ghalhekk kien jinkludi lill-intimati, Pawlu Testa, Ray Azzopardi biss, u mhux wkoll lis-socjeta rikorrenti.

Xehed illi peress illi s-sensiela tar-radju kienet success kbir, kienu ftehmu ma' Testa biex jergu jaghmlu produzzjoni teatrali bl-isem Gawdenz u z-Zekzieka tar-Rahal. Spjega li kien f'nofs it-thejjijiet, Testa kien dahhal lis-socjeta rikorrenti bhala siehba fil-produzzjoni, u hu kien accetta ghaliex Testa kien accertah li l-ftehim taghhom kien ser jibqa' l-istess. Kompla illi wara dan id-dramm, ghalkemm l-intimati kellhom f'mohhom li jaghmlu produzzjoni teatrali ohra ta' Gawdenz, kienu inqalghu xi differenzi ma' Testa u allura l-intimati avvicinaw lis-socjeta rikorrenti biex jaraw kienetx interessata tahdem maghhom fuq il-produzzjoni tad-dramm Gawdenz u s-Sindku ta' Beijing, u s-socjeta rikorrent kienet accettat, u kien gew prodottu ukoll zewg kummidji teatrali ohra. Minhabba s-success ta' dawn il-produzzjonijiet, ghal habta ta' Ottubru 2003 l-intimati bdew ihhajru lis-socjeta rikorrenti biex tigi prodotta sensiela televiziva ibbazata fuq l-Avukat Gawdenz Bilocca, li filfatt kienet accettat.

**Rigward is-sensiela televiziva xehed illi b'kollox inhaddmu sittin episodju, u s-socjeta rikorrenti qatt ma kkontribwiet idejat, tant illi l-istejjer u l-idejat kollha huma frott tal-krejattivita tal-intimati biss**. Xehed illi l-hlas miftiehem kien ta' Lm100 ghal kull episodju, biex ikopri ix-xoghol kollu li kien ikollu jaghmel, izda minflok Lm6,000 huwa thallas Lm5,500 ghaliex meta kien isir xi *filming* barra l-granet miftiehma u hu ma kienx ikun jista' jattendi, is-socjeta rikorrenti kienet tnaqqslu l-pagment dovut. Rigward il-*press releases,* xehed illi Benny Casha jew is-segretarja kienu jitolbuh jikteb xi *press release* u hu kien jikteb xi erba verzjonijiet u jghaddihom lis-socjeta rikorrenti biex jaghmlu l-emendi u jibghatuhom lil min iridu huma. Ikkonferma li hu qatt ma ghadda xi *press release* direttament lil gazzetti jew *magazines.*

Fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2010 xehed illi ghal produzzjonijiet teatrali ta' Gawdenz relattivi ghall-kumpanija Moving On ma kellhomx *sponsorships* ta' flus, izda biss *in kind.* Spjega illi b'kollox kienu hargu 2396 biljetti u d-dhul totali kien ta' €5,810.18. Xehed illi hu m'ghandu l-ebda qliegh, hlief fir-rigward tal-karattru ta' Gawdenz Bilocca.

**In kontro-ezami** xehed illi kien biddel il-kunjom minn Spadaro ghal Bilocca ghaliex sa fejn jaf hu il-kunjom Spadaru ma jezistix, filwaqt li Bilocca huwa aktar muzikali u kredibbi. Xehed illi l-intimati riedu joholqu karattru gdid minn dak il-karattru li ra fil-

*video* tad-*dramm.* Ma qablilx illi hija xi haga naturali u logika li karattru terzjarju jigi zviluppat b'dan il-mod, **u filfatt huma holqu karattru principali gdid**. Xehed li filfatt fir-rigward ta' Gawdenz Spadaru kull ma hemm linja li tghid li hu avukat, filwaqt li Gawdenz Bilocca proprju jaghmilha ta' avukat. Ikkonferma illi kienu l-intimati li avvicinaw lil Pawlu Testa biex issir is-sensiela tar-radju. Xehed ukoll illi l-atturi ghal din is-sensiela kien sabhom Testa u mhux is-socjeta rikorrenti. Qabel li kien jikteb 75% tal-*press releases* tas-socjeta rkorrenti.

**Martin Giordano** xehed permezz ta' affidavit a fol 347 illi hu kien id-direttur u kien ukoll ha sehem fid-dramm "Il-Mara tal-Ministru" fid-9 u l-10 ta' Jannar 1988. Xehed ili f'dan id-dramm hu kellu l-parti ta' Gawdenz Spadaru li kienet parti sekondarja u kellu jidher f'xi hames xeni zghar b'kollox. Spjega illi fl-i*script* ma kienx hemm indikat **kif kellu jidher jew jagixxi dan il-karattru, u waqt id-dramm kien liebes *suit* bl-ingravata, zarbun normali u xalla pulita. Kompla li Gawdenz Spadaru la kellu coff, la nuccali u lanqas ma jidher b'xi bagalja, u hadd ma kien qallu li kellu jaghmel xi mossi parikolari.**

**In kontro-ezami** xehed ill fil-produzzjoni tad-dramm "Il-Mara tal-Ministru" li ha sehem hu fiha, il-karattru ta' Gawdenz ma kienx avukat, u filfatt kien jigi introdott bhala is-Sur Gawdenz Spadaru. Fir-rigward tar-rwol ta' direttur xehed illi hu qatt ma kien ordna lill-atturi li jaghmlu xi haga partikolari **u hallihom fil-liberta taghhom**. Xehed ukoll illi generalment l-atturi kienu jgibu l-ilbies taghhom, izda dan dejjem skont id-decizjoni tad-direttur.

**Karl Bonaci u Romina Bonaci** xehdu permezz ta' affidavit a fol 348 illi huma kienu hadu sehem fid-dramm "Il-Mara tal-Ministru" fid-9 u l-10 ta' Jannar 1988, meta l-parti ta' Gawdenz Spadaru kienet giet interpretata minn Martin Giordano. Spjegaw li dan kien karattru ta' avukat, liebes *suit* pulita bix-xalla, minghajr coff, nuccali jew bagalja, kien jitkellem b'mod normali u ma kien jaghmel l-ebda mossa jew dahqa partikolari u anzi kien jitkellem b'mod normali.

**Karl Bonaci in kontro-ezami** xehed illi hu hadem ta' direttur u dak iz-zmien ir-rwol ta' direttur kien different, ghaliex aktar milli jaghti direzzjoni ir-rwol tieghu kien li

jghaqqad lil kulhadd. **Xehed illi kulhadd kien igib il-hwejjeg tieghu, u dak iz-zmien id-direttur ma kienx jindahal fl-ilbies.**

In ri-ezami xehed testwalment "Jien ilni attur hafna snin. Dak iz-zmien ma kienx ikollna kostumist u kull attur jinterpreta l-karattru kif irid, u d-direttur ma kienx jindahal wisq."

**Joe Attard** xehed permezz ta' affidavit a fol 349 illi huwa hadem fid-dramm "Il-Mara tal-Ministru" diversi drabi, u l-ewwel darba kienet fi Frar tas-sena 1996, fejn Gawdenz Spadaru kien karattru sekondarju u kien jidher biss fi ftit xeni. Spjega illi dan il-karattru kien avukat normali, li ma kien jaghmel l-ebda mossa partikolari, u qatt ma semgha lid-direttur jghid lill-attur li kien jaghmel xi dahqa partikolari. Xehed illi kien ha sehem ukoll sena wara, meta l-istess karattru gie interpretat minn Scerri De Carlo, u qal illi tul ir-*rehearsals,* hadd ma qallu li kellu jinterpreta l-karattru b'mod partikolari. **Xehed illi kien hdejn Scerri De Carlo meta dan kien ghamel id-dahqa partikolari tal-karattru ghall-ewwel darba, u kompla li kien liebes glekk jigih zghir, qmis bajda bic-coff, nuccali u bagalja zghira kwadra mill-antiki. Zied illi din kienet l-ewwel darba li ra lil xi hadd jinterpreta l-karattru b'dan il-mod.**

**In kontro-ezami** xehed illi l-interpretazzjoni ta' karattru hija skont dak li jghid id-direttur. Mistoqsi jarax differenza bejn Gawdenz Spadaru u Gawdenz Bilocca kif interpretati minn Scerri De Carlo xehed illi ghalih hi l-istess interpretazzjoni, bl-istess movimenti, ilbies u dahqa.

**In ri-ezami** ikkonfema li hemm diversi karattri fis-sensiela televiziva li ma kienux jezistu fid-dramm "Il-Mara tal-Ministru".

**Fr. Louis Bajada** xehed permezz ta' affidavit a fol 350 illi f'isem ic-Centru Familja Karmelitana u flimkien ma' *Houselights* kien tellgha dramm "Il-Mara tal-Ministru" fi Frar 1996, u ddikjara li kien ghadda l-*video* ta' dan id-dramm lil Fabian Scerri De Carlo.

**Renzo Bonello** xehed permezz ta' affidavit a fol 351 *et seq* illi hu kien ha sehem fis-serje tar-radju Il-Praspar ta' Peppina u huha Gawdenz, li kienet ittelghat minn Pawlu

Testa u Radju Super 1 u hadd aktar. Spjega li f'din is-sensiela l-protagonist kienu l-Avukat Gawdenz Bilocca u ohtu Peppina, fejn Gawdenz kien jitkellem bil-lajma u kellu dahqa partikolari. **Qal li hu minn dejjem jaf lil intimat Scerri De Carlo bhala l-persuna li holqot il-karattru kif nafuh illum, u dan il-fatt kien maghruf u accettat minn kulhadd. Xehed illi filfatt l-isem ta' Scerri De Carlo kien dejjem jidher fil-*credits,* u jiftakar jaqra xi artikoli fejn Gawdenz kien gie deskritt bhala li gie mahluq minn Scerri De Carlo.**

**In kontro-ezami** xehed illi kien tqabbad biex jahdem fis-sensiela tar-radju minn Pawlu Testa, u kien hallsu hu, u anke kien jaghtih l-i*scripts* hu. Xehed illi huwa cert li fil-produzzjoni kienu involuti biss Teatru Rjal u Super One ghaliex dan hu rifless anke fil-*credits.* Xehed illi imbaghad, ghax-xoghol tieghhu fil-produzzjonijiet teatrali u televizivi kien jithallas mis-socjeta rikorrenti.

**Pawlu Bonello** xehed permezz ta' affidavit a fol 353 *et seq* illi huwa kellu l-parti ta' Lippin fil-produzzjoni tal-"Mara tal-Ministru" ta' Marzu 1997 fejn l-intimat Scerri De Carlo kellu l-parti ta' Gawdenz Spadaru. Spjega illi biex jinterpreta dan il-karattru, Scerri De Carlo kien liebes hwejjeg li ma kienux parti mill-kostumi li kien hemm preparati biex jintuzaw fid-dramm, u cioe glekk jigih zghir, coff, nuccali, bagalja zghira li kien tahilu hu stess, u *slipper* abjad. Xehed illi din il-bagalja kien gabilu mill-azzjoni kattolika tal-Isla, meta kien semgha lil Scerri de Carlo jghid li xtaq bagalja minn dawk li kienu juzaw it-tfal tal-iskola fil-hamsinijiet. Kompla illi sabiex jinterpreta din il-parti, Scerri de Carlo kien ghazel illi jitkellem bil-mod hafna, jaghmel certi mossi b'xoftu u jaghmel dahqa partikolari hafna, u dan minkejja illi **fl-ebda hin ma semgha lid-direttur Pawlu Micallef jaghtih xi direzzjoni dwar kif kellu jinterpreta l-karattru ta' Gawdenz,** u filfatt **din kienet l-ewwel darba li ra l-parti tinhadem b'dan il-mod.**

**In kontro-ezami** xehed illi ma kienx hemm xi hadd li kien jiehu hsieb il-hwejjeg, izda kulhadd kien jiehu hsieb il-hwejjeg hu stess. Ikkonferma illi Pawlu Micallef ma kien ta l-ebda direzzjoni lil Scerri De Carlo. Xehed ili hu jaf li s-socjeta rikorrenti ma kientx involuta fis-sensiela tar-radju ghaliex kien ra fil-gazzetta illi ma kienitx imsemmija. Xehed illi l-intepretazzjoni u d-dehra ta' Gawdenz kif maghmula minn Scerri De Carlo kienu l-istess fid-drammi kollha, u fis-sensiela televiziva.

Xehed illi xi xhur wara huwa kien accetta proposta li kien ghamillu Pawlu Testa biex jippartecipa f'sensiela tar-radju jisimha l-Praspar ta' Peppina u huwa Gawdenz, li skont Testa kienet giet miktuba mill-intimat Camilleri. Spjega li ghal din is-sensiela, l-arrangament kien bejn is-Super 1 u Pawlu Testa, u s-socjeta rikorrenti ma kienitx imdahhla. Kompla illi s-sensiela kellha success kbir u Gawdenz kien beda jsir popolari mmens, ghalkemm ippreciza illi huwa qatt ma thallas tas-sehem tieghu. Zied illi wara din is-sensiela hu kien ha sehem f'diversi *drammi* bl-istorja bbazata fuq Gawdenz Bilocca, u jaf illi l-istejjer dejjem kien jiktibhom l-intimat Camilleri, kif ukoll jidderighom, apparti l-ewwel wahda, li kienet giet diretta minn Pawlu Micallef. Xehed illi huwa minn dejjem jaf lill-intimat Scerri de Carlo bhala l-persuna li holoq il-karattru ta' Gawdenz kif jafu kulhadd illum.

**Ray Azzopardi** xehed permezz ta' affidavit a fol 355 illi huwa ilu kap tal-programmi tar-Radju Super 1 mill-1992, u **ghal habta tas-sena 1997 kien gie avvicinat minn Paul Testa li propona li l-istazzjon ixxandar sensiela tar-radju bi tlettax -il episodju, miktuba mill-intimat Camilleri bl-isem "Il-Praspar ta' Peppina u huwha Gawdenz". Xehed illi ma kien hemm l-ebda kumpanija ohra imdahhla ma' Pawlu Testa**, u li din is-sensiela bdiet tixxandar ghall-ewwel darba fis-7 ta' Lulju 1997, fejn Scerri de Carlo kellu r-rwol ta' Gawdenz. Kompla illi l-iktar haga karatteristika ta' Gawdenz li jiftakar hija li kien jitkellem b'mod kalm hafna, u kellu dahqa partikolari ferm.

**In kontro-ezami ikkonferma li kien Paul Testa li avvicinah** u li qatt ma sar l-ebda forma ta' hlas bi flus mit-Teatru Rjal. **Mistoqsi jekk jiftakarx jekk is-socjeta rikorrenti kienetx involuta, wiegeb illi dak iz-zmien Paul Testa ghal Teatru Rjal biss kien avvicinah.**

**Victor Scerri** xehed permezz ta' affidavit a fl 356 illi hu kien is-suggeritur il-produzzjoni tal-Mara tal-Ministru ta' Marzu 1997, fejn l-intimat Scerri de Carlo kellu l-parti ta' Gawdenz. Spjega illi biex jinterpreta dan il-karattru, Scerri De Carlo kien liebes hwejjeg li ma kienux parti mill-kostumi li kien hemm preparati biex jintuzaw fid-dramm, u cioe glekk jigih zghir, coff, nuccali, bagalja zghira li kien gabilu Pawlu Bonello, u *slipper* abjad. Xehed illi Scerri de Carlo kien jinterpreta l-parti ta'

Gawdenz billi jitkellem bil-mod hafna, jaghmel certu mossi b'xuftejh u kellu dahqa li qatt ma kien semgha bhalha. Xehed illi ma semghax lid-direttur jaghti xi suggerimenti partikolari dwar kif Scerri de Carlo kellu jinterpreta ir-rwol, u lanqas hu bhala suggeritur ma gie mitlub jghidlu jaghmel xi mossa partikolari. Kompla illi hu kien ukoll suggeritur fid-dramm "Iz-zekzieka tar-Rahal" li kienet ittellet minn Pawlu Testa, u li pero wara kienu wkoll dahlu fiha s-socjeta rikorrenti biex jghinu lil Pawlu Testa. **Zied illi huwa minn dejjem jaf lill-intimat Scerri De Carlo bhala l-persuna li holoq il-karattru ta' Gawdenz bil-mod kif nafuh illum.**

**In kontro-ezami** xehed illi s-socjeta rikorrenti kienet ippreparat il-hwejjeg ghal kull attur, izda Scerri De Carlo ma kienx liebes dawn il-hwejjeg, u ma jiftkarx jekk kienx hemm oggezzjoni mid-direttur. **Ikkonferma li sa fejn jaf hu, il-karattru ta' Gawdenx holqu u interpretah Scerri De Carlo.**

**Romina Darmanin** xehdet permezz ta' affidavit a fol 357 *et seq* illi hija kienet hadet sehem f'diversi produzzjoni fuq il-palk u fuq it-televizjoni mas-socjeta rikorrenti, u fis-sensiela televiziva L-Avukat Gawdenz Bilocca, li bdiet tixxandar fl-2004, kienet tinterpreta l-parti tas-segretarja ta' Gawdenz. **Xehdet illi hija minn dejjem kienet taf illi l-karattur ta' Gawdenz kien gie mahluq mill-intimat Scerri de Carlo, li kien fatt accettat minn kullhadd, inkluz is-socjeta rikorrenti.** Spjegat illi minhabba s-success li kien kiseb Scerri de Carlo **in-nies kienu jcemplu lilu direttament kif jattendi *parties* tat-tfal**, u filfatt hi kienet takkompanjah ghal dawn il-parties, u taf illi s-socjeta rikorrenti **qatt ma kienet involuta f'dan**, **ghalkemm kienet taf x'kien qed jigri, u lanqas qatt ma talbet ghal xi sehem mill-hlas.**

**In kontro-ezami** xehdet illi s-socjeta rikorrenti kienet taf bil-parties li semmiet tant illi wiehed mid-diretturi kien imur ma' Scerri De Carlo.

Xehdet illi kienet prezenti dakinhar meta Benny Casha kien qal lil kulhadd illi kien qabbad lil Dominic Said biex jikteb episodju ta' Gawdenz Bilocca, u tiftakar illi meta kienu taw l-***iscript* lil Scerri De Carlo, dan kien irrifjuta li jinterpreta l-parti kif mitkuba minn Said ghaliex ma kienetx karatteristika ta' Gawdenz**. **Xehdet illi l-i*scripts* dejjem Camilleri kien jiktibhom, u kien jaghtihom lill-atturi bid-dettalji shah ta' kull xena, inkluz il-*props* rikjesti.**

**Carmel Borg** xehed permezz ta' affidavit a fol 359 illi ilu jaf hafna lil Scerri De Carlo ghaliex jahdmu fl-istess dipartiment. Spjega illi l-intimat Scerri De Carlo kien talabu jaghmillu xi disinji ta' Gawdenz ghaliex xtaq jaghmel xi *colouring books* tat-tfal, u spjegalu li ried xi haga li turi l-karattru ta' Gawdenz f'sitwazzjoniet differenti u kemm jista' jkun umoristici. Kompla li filfatt kien gablu sett ta' ritratti tieghu innifsu liebes ta' Gawdenz f'pozi differenti u liebes ta' suldat, jew jippoza b'accessorji partikolari, biex hu imbaghad ghamlet id-disini ibbazati fuq dawn ir-ritratti. Zied illi **huwa kien gie imhallas ghal xogholu minn Scerri De Carlo stess, u filfatt qatt ma ghamel ftehim ma xi hadd iehor rigward dawn id-disinni.**

**In kontro-ezami** xehed illi ma jiftakarx kemm kien thallas ghax-xoghol tieghu, pero mhux aktar minn Lm10 ghaliex kienu hbieb.

**Stefania Attard Vella** xehdet permezz ta' affidavit a fol 360 *et seq* illi hija kienet hadet sehem f'diversi produzzjoni fuq il-palk u fuq it-televizjoni mas-socjeta rikorrenti, u fis-sensiela televiziva L-Avukat Gawdenz Bilocca, li bdiet tixxandar fl-2004, kienet tinterpreta l-parti tal-assistena ta' Gawdenz, kif ukoll kienet is-segretarja tal-produzzjoni. Spjegat li ghalhekk taf illi kienu jsiru *write ups* fuq is-sensiela fil-gazzetti u rivisti, li kienu jitbghatu lill-edituri mis-socjeta rikorrenti, u sa fejn taf hi qatt ma tbghatu direttament mill-intimati. **Xehdet illi hija sa mill-bidu nett kienet taf li l-karattru ta' Gawdenz kien gie mahluq mill-intimat Scerri de Carlo, li kien fatt accettat minn kullhadd, inkluz is-socjeta rikorrenti, u filfatt kien hemm numru ta' artikoli li kienu jiddeskrivu lil Gawdenz bhala mahluq minn Scerri de Carlo, u dan anke kien jidher fil-*credits* ta' kull sensiela, bil-kunsens tas-socjeta rikorrenti. Xehdet illi l-i*scripts* dejjem Camilleri kien jiktibhom, u kien jaghtihom lill-atturi bid-dettalji shah ta' kull xena, inkluz il-*props* rikjesti.**

**In kontro-ezami** xehdet illi generalment l-artikoli kien jinkitbu mill-intimati Camilleri u ma kienux jigu emendati, ghalkemm kienu jinqraw minn Benny u Pierre qabel ma johorgu ghall-publikazzjoni. **Xehdet illi Casha kien jaf li "l-credits" kienu juru li l-karattru ta' Gawdenz gie mahluq minn Scerri De Carlo u qatt ma oggezzjona.**

**Joe Sant** xehed permezz ta' affidavit a fol 362 *et seq* illi huwa jaf lil Scerri De Carlo peress li kien xtaqu jaghmel ir-riklami tal-hwienet tieghu "tal-Lira." **Xehed illi ghal produzzjoni ta' dawn ir-riklami dejjem hallas lil Scerri De Carlo personalment u s-socjeta rikorrenti qatt ma kienet involuta.** Xehed ukol illi fl-2005 Scerri De Carlo kien avvicinah u qallu li xtaq jaghmel *soft toy* ta' Gawdenz, u kien Scerri De Carlo stess li kien gabu ritratti u disinni ta' kif kellu jidher dan is-*soft toy* ibbazat fuq il-karatteristici tieghu fil-figura ta' Gawdenz, bl-ideja illi jinbieghu biss mill-hwienet "tal-Lira" u jinqasam il-qliegh bejniethom. Kompla li din kienet attivita purament kummercjali u l-ftehim kien biss bejnu u bejn Scerri De Carlo, u s-socjeta rikorrenti ma kienetx involuta. Zied li xi xhur wara li ghamlu l-ordni Scerri De Carlo kien qallu li hu ried li s-sehem tieghu mill-bejgh ta' dawn is-*soft toys* imur kollu ghal Puttinu, u meta spjegalu min hu Puttinu, anke hu (Sant) kien iddecieda li l-qliegh kollu, inkluz l-ispejjez, imur ghal Puttinu, fejn filfatt kienet ghamlu gurnata attivita fic-cinema "tal-Lira" ghal dan l-iskop. Spjega li din l-attivita kienet saret f'Gunju 2007 u kellha success kbir tant li kienu gabru **l-ekwivalenti ta' €17,237**. Xehed illi barra minn hekk, kemm il-darba kien jorganizza *open days* fejn Scerri De Carlo kien jattendi bhala Gawdenz. Zied illi minn naha taghha s-socjeta rikorrenti qatt ma kellha xi oggezzjonijiet ghal dawn l-attivitajiet.

**Paul Zammit** xehed permezz ta' affidavit a fol 364 illi hu ilu jaf lill-intimat Scerri De Carlo tmien snin, u jaf illi l-karattru ta' Gawdenx Bilocca kien gie mahluq minn Fabian Scerri De Carlo. Spjega illi Scerri De Carlo kien imur ghandu biex juza l-ghodda u l-injam tieghu **biex jaghmel *keychains* forma ta' karikatura ta' wicc Gawdenz**, u ghalkemm hu ma kienx jitolbu flus, dejjem kien ihallsu xi haga. Barra minn hekk, **kien jaghmel ukoll kull haga li kellha x'taqsam ma' Gawdenz, inkluz tletin nuccali, u s-socjeta rikorrenti qatt ma kienet partecipi f'dan,** ghaliex il-props ta' Gawdenz **kien jiehu hsiebhom kollha Scerri De Carlo innifsu**. Kompla illi fl-2005 **Scerri De Carlo kien xtara karozza Fiat Cinquecento tiswa Lm500 bi flusu stess,** u hu kien jiehu hsieb li jzommilu u johodilu ghand il-*mechanic* u l-i*sprayer* u kull fejn kien hemm bzonn biex isirilha x-xoghol. Xehed ukoll illi Scerri De Carlo bhala Gawdenz kien anke jkun f'xi ljieli Maltin jkanta kanzunetti mis-CD tieghu u kien jigi akkompanjat minn grupp bl-isem She2s li kienet tifforma parti minnu bint ix-xhud, u ghalhekk kemm il-darba kien ikun prezenti, u qatt ma hadu

permess minghand is-socjeta rikorrenti biex jaghmlu dawn is-*shows*, lanqas ma kellha xi oggezzjoni ghall-istess.

**Maestro Joe Brown** xehed permezz ta' affidavit a fol 366 illi Scerri De Carlo, li minn dejjem jafu bhala persuna li jiehu kull tip ta' iizjattiva biex ikabbar il-popolarita ta' Gawdenz, kien talbu biex jghinu jaghmel xi kanzunetti ta' Gawdenz, u hu kien accetta. **Xehed illi hu kien ghamillu CD bi tmien kanzunetti**, fejn il-lirika ta' dawn il-kanzunetti kienet giet **miktuba minn Frederick Camilleri** u x-xhud kien ikkompona l-muzika, u produca l-kanzunetti fl-i*studio* tieghu, **fejn l-intimat Scerri De Carlo kien mar sabiex jirrekordja l-kanzunetti. Xehed illi din is-CD kienet saret fuq inizjattiva ta' Scerri De Carlo, u s-socjeta rikorrenti qatt ma kellhom x'jaqsmu f'dan il-progett**. Xehed ukoll illi Gawdenz kien dejjem izid fl-popolarita, tant li darba minnhom fuq programm televiziv, hekk kif il-prezentatur qal li min ried jiltaqa' ma' Gawenz seta' jmur, l-*istudio* kien intela tfal liebsin bhal Gawdenz. **<u>Zied li filfatt ghan-nies, Scerri De Carlo huwa Gawdenz.</u>**

**Noel Borg** xehed permezz ta' affidavit a fol 367 illi fl-2005 l-intimat Scerri De Carlo kien staqsieh jekk jithajjarx jaghmel xi prodotti tal-helu bir-ritratt tieghu bhala Gawdenz fuqhom, u hu accetta peress illi Gawdenz kien popolari hafna mat-tfal u kien gej l-Ghid. Ghalhekk huma kienu ghamlu u **hargu ghal bejgh figolli bir-ritratt ta' Gawdenz, u bhala Mannarino Caterers kienu hargu riklam juru li setghu jaghmlu kejkijiet u figolli b'ritratti ta' diversi ucuh, inkluz ta' Gawdenz**. Spiega illi din kienet inizjattiva personali tal-intimat Scerri De Carlo u **s-socjeta rikorrenti ma kellha xejn x'taqsam fiha**, ghalkemm l-istess socjeta rikorrenti qatt ma oggezzjonat jew qalet li kellhom bzonn il-kunsens taghha biex ikomplu bl-attivita.

**Norma Cristina xehdet illi d-dramm "Il-Mara tal-Ministru" inkitbet minn ommha Vitorin Galea**, wara li kienet adattata minn fuq id-dramm bl-istess isem li kien ta huha Benny Casha. Spjegat illi Gawdenz **Spadaru kien karattru terzjarju li kellu biss ftit linji**, u li generalment kien jigi interpretat minn attur principjament peress li kellu parti tant zghira u ta' ftit importanza. Xehdet illi l-karattru ta' Gawdenz Bilocca kif interpretat mill-intimat Scerri De Carlo kien inholoq minnu stess ghaliex filfatt qatt ma rat il-karattru jigi interpretat u liebes b'dak il-mod qabel. Rigward is-

sensiela tal-Avukat Gawdenz xehdet illi kien qabbadha Benny Casha, u li xi drabi kienet giet imhallsa minn Scerri De Carlo.

**John Richards, rapprezentant tal-Kontrollur tal-Proprjeta Industrijali** xehed illi huma ma jaghmlux investigazzjoni rigward l-applikazzjoni u li mhux bizzejjed li ssir oggezzjoni, izda trid issir kawza. Ikkonferma illi Scerri De Carlo kien intavola applikazzjoni ghal Trademark fl-10 ta' Ottubru 2007 li kienet giet irregistrata fit-8 ta' April 2008, u d-Dipartiment kien ircieva ittra minghand l-konsulent legali tas-socjeta rikorrenti wara li kienet giet ippublikata r-registrazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern fis-27 ta' Frar 2009.

**Elaine Catania** in rapprezentanza tal-Antenna u l-Orrizont xehdet illi ma tiftakarx minn kien jghaddi l-informazzjoni rigward l-artikli li kienu jigu ippubblikati fuq Gawdenz.

**Ruth Micallef** in rapprezentanza ta' One Productions Limited, xehdet **illi l-*contact person*** ghal L-Avukat Gawdenz Bilocca ghal perjodu bejn l-1997 u **l-2008 kien Benny Casha f'isem is-socjeta rikorrenti, li kienet thallas dejjem b'mod regolari, u qatt ma kien** hemm xi komunikazzjoni **ma' persuni ohrajn.**

**In kontro-ezami** ikkonfermat illi s-sensiela televiziva bdiet tixxandar fl-2004, u l-ftehim **kien illi l-ispejjez u l-profitti jinqasmu ugwalment bejn is-socjeta rikorrenti u One Productions Limited.**

**Ikkonsidrat;**

Perezz tal-ewwel eccezzjoni taghhom, l-intimati eccepew illi s-socjeta rikorrenti ghandha l-ewwel nett tipprova illi hija tgawdi d-drittijiet tal-awtur kif allegat fir-rikors promotur taghha. Naturalment, l-ezistenza u t-tgwadija tad-drittijiet tal-awtur huwa fatt saljenti li fuqu tiddependi din l-azzjoni, u ghalhekk il-Qorti sejra biex tezamina dan l-aspett l-ewwel u qabel kollox.

Il-Qorti taghraf illi d-drittijiet tal-awtur pretizi mis-socjeta rikorrenti f'din il-kawza, jirrelataw proprju ma' karattru principali, u cioe l-Avukat Gawdenz Bilocca, kif ukoll

karattri sekondarji, u ancillari. Dan l-aspett jaghmel din il-kawza ferm partikolari, ikkonsidrat illi skont il-gurisprudenza estera, jidher illi hemm divergenza dwar jekk karattru fittizju f'xoghol letterarju jew awdjo-viziv jistax ikun suggett ghad-drittijiet tal-awtur u jgawdi l-protezzjoni konsegwenti ghal tali drittijiet. Filfatt, l-awtur **Pascal Kamina** jirrileva illi:

> **"[i]*n the UK, the copyright protection afforded to fictional characters is very limited. By exception, however, cartoon characters can attract protection as drawings. (…)***
>
> ***In contrast, copyright protection appears to be afforded to characters on a wider basis in authors' rights countries. In France, for example, there is no doubt that characters from an audiovisual work can be protected by copyright, independently from the copyright in the audiovisual work. This is true, of course, if the character is a cartoon character or is otherwise drawn; but it may still be the case even if it is from a novel or a script. Characters' names can also be protected. The protection regime for cartoon characters and characters from audiovisual works appears similar in other continental countries, but is less clear concerning literary characters which are not otherwise materialised or impersonated.*"**[1]

Fir-rigward tal-posizzjon fl-Ingilterra, fejn mill-gurisprudenza jidher illi *fictional characters* ma ghandhomx il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur, il-Qorti taghmel referenza ghal *obiter dicta* ta' **May LJ** fil-kawza **O'Neill v Paramount Picture Corp.** fejn May LF irrileva illi:

> ***"…while I agree that there is presently no copyright in fictional characters in books, films or plays, I am by no means satisfied that an author of such works, particularly when consisting of a***

[1] Pascal Kamina, *Film Copyright in the European Union* (Cambridge University Press, 2002) 103 – 104.

***series of books about the same character, who has become widely known, has no form of proprietary interest in that character.***"[2]

Il-Qorti taqbel illi m'hijiex sodisfacenti l-posizzjoni li *fictional character* ma jistghax ikun suggett ghad-drittijiet tal-awtur, u hija l-fehma konsiderata taghha, illi jkun ferm aktar gust illi din il-Qorti tadotta l-posizzjoni tal-pajjizi Ewropej u tal-Istati Uniti f'dan il-qasam. Il-Qorti ghalhekk ser taghmel referenza ghall-gurisprudenza Amerikana fuq din il-materja u dan peress illi, kif jidher mir-rassenja ta' gurisprudenza li ser tigi citata aktar il-quddiem, il-Qrati tal-Istati Uniti zviluppaw kriterji konkreti sabiex jiddeterminaw kif u meta *fictional character* jikkwalifka ghad-drittijiet tal-awtur, u jsawwru elementi ta' certezza legali f'qasam illi huwa regolat mhux minn legislazzjoni izda biss mill-gurisprudenza dawk il-Qorti.

A kuntrarju tal-posizzjoni fir-Renju Unit, fl-Istati Uniti rikonoxximent illi *fictional character* jista' jkun suggett ghal drittijiet tal-awtur gie moghti fis-sentenza fl-ismjiet **Nichols v Universal Pictures Corp.** fejn kien intqal illi:

> "*…we do not doubt that two plays may correspond in plot closely enough for infringement. How far that correspondence must go is another matter. Nor need we hold that the same may not be true as to the characters, quite independently of the "plot" proper, though as far as we know, such a case has never arisen.*
>
> (…)
>
> ***…the less developed the characters, the less they can be copyrighted; that is the penalty an author must bear for marking them too indistinctly.***"[3]

Filfatt, il-Qrati tal-Istati Uniti zviluppaw kriterji u testijiet li ghandhom jigu ezaminati mill-Qorti sabiex tiddetermina jekk il-karattru in kwistjoni ikunx jista' jkun suggett

[2] **O'Neill v Paramount Picture Corp.,** [1983] CAT 235.

[3] **Nichols v Universal Pictures Corp.,** United States Court of Appeal for the Second Circuit, 45 F.2$^{nd}$ 119 (2d Cir. 1930).

ghad-drittijiet tal-awtur. Fis-sentenza ta' **Nichols** appena citata, u kid jidher anke mill-bran citat, il-kriterju adoperat mill-Qorti sabiex tiddetermina jekk il-karattru in kwistjoni setghax ikun suggett ghad-drittijiet tal-awtur kien dak ta' ***sufficient delineation**,* u filfatt f'dik il-kawza il-Qorti kienet tal-opinjoni **illi il-karattri in kwistjoni ma kienux suggett ghad-drittijiet tal-awtur peress illi kienu merament *"proto-types."***

Dawn il-kriterji gie adoperati wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Danton Burroughs noe et vs Metro-Goldwyn-Mayer Inc et,** li kienet tirrigwarda id-drittijiet tal-awtur fuq il-karattru popolari Tarzan. F'din il-kawza il-Qorti kienet sabet illi l-karattru ta' Tarzan kien:

> **"*…sufficiently unique to be copyrightable and that the grant of a license to use the character "Tarzan" was a copyright interest subject to termination.*"**[4]

Fuq l-istess binarju, fis-sentenza fl-ismijiet **Detective Comics Inc v. Bruns Publications** intqal illi:

> **"[i]*f his production involves more than the presentation of a general type he may copyright it and say of it: "A poor thing but mine own." Perhaps the periodicals of the complainant are foolish rather than comic, but they embody an original arrangement of incidents and a pictorial and literary form which preclude the contention that Bruns was not copying the antics of Superman portrayed in Action Comics. We think it plain that the defendants have used more than general types and ideas and have appropriated the pictorial and literary details embodied in the complainant's copyrights.***
>
> **S*o far as the pictorial representations and verbal descriptions of "Superman" are not a mere delineation of a benevolent Hercules,***

[4] **Danton Burroughs noe et vs Metro-Goldwyn-Mayer Inc et** , United States District Court, deciza 10 ta' Lulju 1981, § 304, 519 F.Supp. at 390-91 citata fis-sentenza **Danton Burroughs noe et vs Metro-Goldwyn-Mayer Inc et,** United States Court of Appeal Second Circuit deciza 26 ta Mejju 1982.

***but embody an arrangement of incidents and literary expressions original with the author, they are proper subjects of copyright and susceptible of infriningement because of the monopoly aforded by the act.”***[5]

Fis-sentenza **Warner Bros v. Columbia Broadcast Systems** imbaghad gie zviluppat kriterju iehor u cioe illi *fictional character* jista jkun suggett ghad-drittijiet tal-awtur meta **l-karattru fittizju, fih innifsu, jkun jikkostitwixxi l-opra tal-istorja u cioe' fejn il-karattru jikkostitwixxi "*the story being told*.**"[6] Il-Qorti spjegat illi:

> "[t]*he characters of an author's imagination and the art of his descriptive talent . . . are always limited and always fall into limited patterns*,"

u ghalhekk hasset illi kellha bzonn tfassal *test* iehor sabiex l-ebda awtur ma jkollu monopolju irragonevoli fuq *fictional characters*, biex b'hekk tali *fictional characters* ikunu jistu' jigu protetti biss jekk jikkostitwixxi **"the story being told"** u mhux "*a mere vehicle"* ghall-istorja li tkun qed tigi rrakontata. Filfatt, dan il-kriterju gie zviluppat f'din is-sentenza li kienet titratta l-karattru ta' **Sam Spade** fil-ktieb **The Maltese Falcon**, u ghalhekk dan it-test huwa maghruf bhala ***the Sam Spade test.***

Dan l-istess **Sam Spade test** gie adoperat fis-sentenza fl-ismijiet **Universal City Studios v. Kamar Industries,** fejn il-Qorti sabet illi **l-karattru ta' E.T** kien karattru distinitiv u barra minn hekk, **kien centrali ghall-istorja tant** illi l-film E.T. the Extra Terrestrial kien ibbazat fuq dan il-karattru stess, u ghalhekk kien suggett ghad-drittijiet tal-awtur. Filfatt il-Qorti kienet irrilevat illi:

> "[t]*he character "E.T." is a central component of "E.T". The Extra- Terrestrial." "E.T." is a unique and distinctive character about whom the movie revolves. Plaintiffs contend, and the Court believes, that "E.T." is more than a mere vehicle for*

[5] **Detective Comics Inc v. Bruns Publications** , United States Court of Appeal, Second Circuit, 111 F.2d 432 (2d Cir. 1940)

[6] **Warner Bros v. Columbia Broadcast Systems,** United States Ninth Circuit Court 216 F.2d 945, 950 (9th Cir. 1954).

*telling the story* ***and that "E.T." actually constitutes the story being told."***[7] (enfasi ta' din il-Qorti).

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti sejra issa ghalhekk tghaddi biex tapplika dawn il-principji ghall-kaz in dezamina, u dan sabiex tiddetermina jekk il-karattru ta' Gawdenz Spadaru/Bilocca u l-karattri l-ohra ancillari li ghalihom taghmel referenza is-socjeta rikorrenti, humiex soggetti ghad-drittjiet tal-awtur, ghaliex naturalment, fil-kaz illi m'humiex, l-azzjoni tas-socjeta rikorrenit tieqaf hesrem.

Fir-rigward ta' Gawdenz Spadaru, **hemm qbil illi dan kien karattru terzjarju**, li kellu **verament ftit linji, u rwol limitat fit-teatrin "Il-Mara tal-Ministru"**. F'dan it-teatrin, Gawdenz Spadaru kien avukat, izda r-rwol tieghu **kien iffokat fuq il-fatt li kien l-gharus tat-tifla tal-ministru**. Sal-produzzjonijiet ta' qabel dik li ha sehem fiha Scerri De Carlo, Gawdenz Spadaru **ma kellux xi apparenza distintiva,** izda kien jilbes hwejjeg normali li wiehed jassocja ma avukat, u cioe *suit* pulita*,* ingravata, u xi drabi anke xalla. Filfatt, fl-ezami kondott minn din il-Qorti tar-recordings tat-teatrin mid-dvds ezebiti mill-partijiet, **il-Qorti ma setghatx mill-ewwel taghraf minn kien Gawdenz Spadaru**, u dan sakemm ma tkellem u offra s-servizzi legali tieghu lil min prezenti. Mhux l-istess jista' jinghad ghall-produzzjoni li fiha ha sehem Scerri De Carlo, **fejn minhabba l-ilbies distintiv, u l-manjera partikolari ta' kif dan il-karattru kien jitkellem u jidhaq, kien facli li l-Qorti,** ***qua*** **spettatur, taghraf mill-ewwel min kien Gawdenz Spadaru**. Fil-produzzjonijiet kollha ta' dan it-teatrin pero, **zgur li ma jistghax jinghad li l-karattru ta' Gawdenz Spadaru kien wiehed centrali jew li kien** ***the story being told,*** **izda fl-ahjar ipotezi, kien** ***a vehicle for the story.*** **Ghalhekk il-karattru ta' Gawdenz Spadaru zgur li ma jistghax ikun soggett ghad-drittijiet tal-awtur.**

[7] **Universal City Studios v. Kamar Industries,** United States District Court, 217 U.S.P.Q. (BNA) 1162 (S.D. Tex. 1982). Vide wkoll ***Metro-Goldwyn-Mayer v. American Honda***, 900 F. Supp. 1287 (C.D. Cal. 1995).

Mhux l-istess jista' jinghad pero ghall-karattru ta' Gawdenz Bilocca, li ghalkemm hemm qbil li g-*genre* jew it-tip ta' karattru huwa ibbazat fuq il-karattru ta' Gawdenz Spadaru, **dan gie zviluppat f'karattru distint u partikolari, centrali ghall-istejjer** li kien fihom. **Dan il-karattru ghandu apparenza, mossi u mutetti distintivi u ghalhekk ghandu karattru uniku, b'mod illi ma jistghax jinghad illi huwa sempliciment *proto-type* ta' avukat kwalunwke**. Iktar importanti, u b'applikazzjoni tal-kriterji ndikati fis- *Sam Spade test,* il-karattru ta' Gawdenz Bilocca **huwa centrali ghall-istejjer** li jinsab fihom, tant illi **huwa jikkostitwixxi l-istorja - cioe' Gawdenz Bilocca "*actually constitutes the story being told",*** u m'huwiex sempliciment *a vehicle for the story.* Ghalhekk, fid-dawl tal-gurisprudenza hawn fuq riportata, fil-fehma tal-Qorti, huwa car u gust, illi l-karattru ta' Gawdenz Bilocca igawdi minn drittijiet tal-awtur.

Dan ma japplikax pero ghar-rigward tal-karattri ancillari. Dan specjalment fid-dawl tal-fatt illi s-socjeta rikorrenti lanqas biss elaborat **liema' kienu l-karattri** ancillari li skontha, kienu soggetti ghad-drittijiet tal-awtur, u inqas u inqas ma spjegat jew ressqet provi dwar kif, skont hi, dawn il-karattri ancillari kienu soggetti ghad-drittijiet tal-awtur. Il-Qorti ghalhekk tqis illi l-karattri ancillari, a kuntrarju tal-karattru principali Gawdenz Bilocca, m'humiex soggett ghad-drittijiet tal-awtur ghaliex ma jikkwalifikawx bhala tali skont lis-*Sam Spade test* u dan peress illi m'humiex "*the story being told".*

Dak li issa jrid jigi determinat huwa jekk id-drittijiet tal-awtur fir-rigward tal-karattru ta' Gawdenz Bilocca, jinvestux fis-societa attrici.

Is-socjeta rikorrenti targumenta illi galdarba kienet hi, li kkomissjonat il-holqien jew l-izvilupp tal-karattru Gawdenz Bilocca, allura hija l-proprjetarja tad-drittijiet tal-awtur fir-rigward tal-istess karattru. L-intimati jikkontendu li mhuwiex minnu li s-socjeta rikorrenti kienet ikkomissjonat il-krejazzjoni ta' dan lil-karattru, u jsostnu illi kien Scerri De Carlo, flimkien ma' Frederick Camilleri, li kienu holqu l-karattru, u l-produzzjoni tas-sensiela tar-radju; di piu' t-teatrini sussegwenti kienu saru mill-inizzjattiva taghhom.

Hawnhekk il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kontrastanti tal-fatti. Fuq il-kwistjoni tal-konflitt tal-provi inghad illi:-

> *"mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt (fil-verzjonijiet moghtija tal-partijiet) ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke' fuq il-bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (...) anzi', f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti."*[8]

Inghad ukoll illi "*fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja*."[9]

F'kazijiet fejn il-Qorti tkun rinfaccata minn provi konfliggenti, il-Qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu gew prodotti quddiema, u cioe:-

> *I. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*

---

8 Carmelo Farrugia vs Rokko Farrugia, Prim'Awla tal-Qorti Civili (24 ta' Novembru 1966).
9 Joseph Borg vs Joseph Bartolo, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) (25 ta' Gunju 1980).

*II. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur.*[10]

Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konviciment tal-gudikant.[11]

Wara li rat il-provi kollha migjuba quddiema, il-Qorti hija tal-fehma li hija l-verzjoni tal-intimati li hija l-aktar kredibbli. Jibda biex jinghad illi s-socjeta rikorrenti u whud mix-xhieda prodotti minnha, ma kienu xejn veritieri fid-deskrizzjoni taghhom tal-karattru ta' Gawdenz Spadaru kif kien interpretat qabel ma dahal fix-xena Scerri De Carlo. Il-Qorti rat ir-recordings kontenuti fid-dvds ezebiti fl-atti u ghalhekk tqis illi t-tezi, li Gawdenz Sparadu minn dejjem kellu xi apparenza u karatteristic partikolari, **hija kemmxejn il-boghod mill-verita**. Tant hu hekk, illi l-Qorti, munita bid-deskrizzjoni ta' Gawdenz Spadaru moghtija fil-kors tal-provi prodotti lilha, ma gharfitux meta dan hareg fuq il-palk, sakemm prattikament introduca lilu nnfisu. Fil-fehma tal-Qorti, dan juri illi s-socjeta rikorrenti kienet lesta li ggebbed sew il-verita biex tpingi stampa tal-fatti favorevoli ghaliha. **Dan jimmilta sew kontra l-kreddibilita taghha.**

Barra minn hekk, it-testimonjanza ta' Pawlu Testa, prodott mis-socjeta rikorrenti, li xehed li kienet l-istess socjeta rikorrenti li kkomissjonat lill-intimati biex joholqu s-sensiela tar-radju, giet imxejna serjament meta l-istess xhud in kontro-ezami, mistoqsi jekk fil-verita kienux l-intimati li kien avvicinawh bi proposta biex issir sensiela tar-radju, kien evaziv u wiegeb testwalment "***Ma ninnegax u ma niftakarx***." Kien evaziv ukoll fir-rigward ta' mistoqsijiet li s-socjeta rikorrenti **ma kienetx parti minn din is-sensiela tar-radju**, u l-Qorti ssibha ferm difficli temmen illi x-xhud, li jidher li kellu memorja daqshekk tajba u friska meta **ghamel l-affidavit tieghu, ma setghax jiftakar jekk kellux ko-prodottur mieghu jew le f'din is-sensiela**, ghaliex wara

---

[10] Maria Xuereb et vs Clement Gauci et, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) (24 ta' Marzu 2004).

[11] Joseph Vella vs Judas Taddeo sive Teddy Borg et, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (19 ta' Mejju 2015).

kollox, dan mhux xi dettal zghir li wiehed facilment jinsa. Il-Qorti rat illi mhux kontestat illi bejn dan ix-xhud u l-intimat Camilleri, kien hemm xi problemi li kienu tali li wassluhom biex ma jibqghux jahdmu flimkien, u ghalhekk tqis illi x-xhieda moghtija minnu fl-affidavit tieghu x'aktarx hija aktar frott ta' animozita lejh milli xhieda li ghandha mis-sewwa. **Dan specjalment tenut kont tal-fatt illi x-xhieda tieghu giet assolutament kontradetta minn Ray Azzopardi li xehed u rega kkonferma in kontro-ezami, illi kien Testa stess li avvicinah rigward is-senisela ta-radju u li s-socjeta rikorrenti ma kellha l-ebda parti f'din is-sensiela.** Fir-rigward tal-produzzjonijiet teatrali imbaghad, is-socjeta rikorrenti dahlet bhala ko-prodottur meta li l-preparamenti **kienu mhux biss mibdija, izda waslu f'nofshom u ghalhekk zgur li ma jistghax jinghad illi <u>kienet ikkomissjonat</u> il-krejazzjoni ta' dan il-karattru.**

Il-Qorti ma taqbilx pero mal-Perit Legali illi l-fatt li l-*credits* kienu juru lil Scerri De Carlo bhala l-krejatur tal-karattru u lil Camilleri bhala l-awtur tal-i*scripts,* ifisser necessarjament illi d-drittijiet tal-awtur kienu vestiti fihom. Dan ghaliex, irrispettivament minn kwalunkwe assenjazzjoni tad-drittijiet tal-awtur, kull awtur dejjem jibqaghlu d-drittijiet morali fuq ix-xoghol li halaq, u wiehed minn dawn id-drittijiet morali, huwa proprju li jigi msemmi bhala l-awtur tax-xoghol in kwistjoni, u ghalhekk dawn il-*credits* ma ssarfux wahedhom, fi prova konklussiva tal-proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur fir-rigward tal-karattru ta' Gawdenz Bilocca, izda ghandhom jitqiesu bhala prova ohra rigward l-awtur tal-istess karattru.

Is-socjeta rikorrenti sostniet ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha illi kien hemm cessjoni minn naha tal-intimati fir-rigward tad-drittijiet tal-awtur fuq il-karattru Gawdenz Bilocca, u dan ai termini tal-Artikolu 24(4) tal-Kapitolu 415. Peress illi dan l-artikolu ma kienx jezisti taht il-ligi l-antika, huwa necessarju ghalhekk f'dan l-istadju illi jigi ezaminat jekk hijiex il-ligi l-gdida, jew il-ligi l-antika, li hija applikabbli f'dan il-kaz, biex jigi determinat jekk l-Artikolu 24(4) huwiex applikabbli. Minn naha taghhom, l-intimati jsostnu illi hija l-ligi l-antika li hija applikabli, ghaliex il-karattru in kwistjoni gie mahluq fi zmien meta kienet ghada vigenti l-ligi l-antika.

L-Artikolu 60 (1) tal-Kap. 415 jipprovdi illi:

“**[d]***an l-Att japplika:*

***(a) relattivament għal xogħlijiet magħmula wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att; u***

***(b) salv id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), għal xogħlijiet magħmula qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att meta l-perjodu ta' protezzjoni ma jkunx, mal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, skeda [sic]***[12] ***taħt l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, imħassar b'dan l-Att."***

Huwa car ghalhekk illi hija l-ligi l-gdida li hija applikabbli f'dan il-kaz, **galadarba meta giet fis-sehh il-ligi l-gdida, l-perjodu ta' protezzjoni kien ghadu ma skadiex.** Fir-rigward tas-sensiela televiziva pero, **huwa zgur illi tapplika l-ligi gdida**, ghaliex din is-sensiela giet mahluqa **fi zmien meta l-ligi vigenti kien diga il-Kapitolu 415, u ghalhekk is-sensiela bilfors hija rregolata ai termini tal-Kapitolu 415.**

Is-socjeta rikorrenti tistrieh fuq it-tieni proviso tal-Artikolu 24 (4) biex isostni illi meta l-partijiet ftehmu biex issir is-sensiela televiziva ta L-Avukat Gawdenz Bilocca, l-intimati cedew id-drittijiet taghhom fuq il-karattur Gawdenz Bilocca favur is-socjeta rikorrenti. Il-Qorti hawnhekk tibda billi tirrileva illi taqbel perfettament mal-Perit Legali illi m'hemmx bzonn ta' ftehim bil-miktub ghal tali cessjoni fejn ghandu x'jaqsam xoghol awdjoviziv, u dan fid-dawl tal-principju *ubi lex voluit dixit.*

F'dan il-kaz sfortunament, ma hemmx ftehim bil-miktub li kien ikun l-aqwa prova tal-intenzjoni tal-partijiet, u aghar minn hekk, ma jidhirx illi l-partijiet qatt xi darba kkonsultaw avukat u poggew flimkien u ddiskutu x'ghandu jsir rigward id-drittijiet rispettivi taghhom. Il-Qorti tifhem illi l-persuni involuti f'dan il-qasam ikunu qed jahdmu b'certu passjoni biex jaraw ix-xoghol krejattiv taghhom jilhaq il-pubbliku. Din forsi hija r-raguni li ftit li xejn jaghtu piz lil kwistjonijiet legali, tant vitali ghall-awturi, atturi, produtturi u persuni ohra involuti fil-holqien ta' xogholijiet artistici biex jissalvagwardjaw l-interessi taghhom **qabel** ma jibdew jahdmu fuq xi progett, biex b'hekk jevitaw sorpizi koroh fit-tmiem tal-progett.

[12] Hawnhekk il-Qorti irriferiet ghat-test Ingliz biex taccerta ruhha illi l-kelma 'skeda' ghandha tkun 'skada', u filfatt, it-test Ingliz jghid 'expired'.

Fil-kaz in ezami u mill-provi prodotti, il-Qorti hija moralment konvinta illi l-intimati ma jcedux id-drittijiet tal-awtur taghhom fuq il-karatturu ta' Gawdenz Bilocca a favur tas-socjeta rikorrenti qua produttrici. Mill-provi jirrizulta illi l-intimati, u in partikolari Scerri De Carlo, waqt li kienet ghaddejja s-sensiela televiziva, kien ha numru ta' inizjattivi biex jizviluppa kummercjalment il-karattru ta' Gawdenz Bilocca. Dan dejjem ghamlu minghajr indhil mis-socjeta rikorrenti. Dejjem zam ghalih innifsu l-introjtu dwar dan. Dan l-izvilupp kummercjali tal-karattru sar bil-krejazzjoni, manifettura, u bejgh ta' *soft toys* tal-ghamla u sura ta' Gawdenz Bilocca; ta' *colouring books,* figolli, CD's ta' kanzunetti, u *keychains* forma ta' karikatura ta' wicc Gawdenz, *parties* u l-personifikar tal-karattru ghall-parties tat-tfal. Is-socjeta rikorrenti kienet konxja li dana kollhu qed isir, u qatt ma intervjeniet jew ghamlet xi pretizi fuq l-introjtu, kif wiehed jistenna li taghmel, kieku verament kienet tqis lilha nnifisha bhala l-proprjetarja tad-drittijiet esklussivi fuq il-karattru Gawdenz Bilocca.

Ghalkemm is-socjeta rikorrenti tikkontendi illi hija dejjem hallset lill-intimati ta' xogholhom u li ergo dan ifisser illi kienet akwistat id-drittijiet esklussivi fuq il-karattru in kwistjoni, **huwa car mill-provi illi l-pagamenti li kien jircievi Scerri De Carlo kienu ghax-xoghol tieghu bhala attur, u l-pagamenti li kien jircievi Camilleri kienu ghax-xoghol tieghu bhala *script writer,* u mhux bhala kumpens ghac-cessjoni tad-drittijiet esklussivi taghhom fuq il-karattru ta' Gawdenz Bilocca.**

Il-Qorti tqis ghalhekk illi ma kienx hemm cessjoni ta' drittijiet esklussivi fuq il-karattru ta' Gawdenz Bilocca versu s-socjeta' rikorrenti. Il-Qorti tifhem ukoll illi lanqas mhu verosimili li cessjoni tad-drittijiet tal-awtur hu l-hlas "kumpens" kien ser isir bejn il-kontendenti minghajr almenu l-iskrittura privata. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li ma kien hemm l-ebda cessjoni favur is-socjeta rikorrenti tad-drittijiet esklussivi tal-intimati fuq il-karattru ta' Gawdenz Bilocca.

Ghalhekk, galadarba s-socjeta rikorrenti taccetta illi ma kienetx hi li holqot il-karattru ta' Gawdenz Bilocca, u galadarba jirrizulta illi hi ma kkommissjonatx il-holqien ta' dan il-karattru, u galadarba inoltre ma jirrizultax illi l-intimati jew min minnhom cedew id-drittijiet tal-awtur fil-konfront tal-karattru Gawdenz Bilocca a favur tas-

socjeta rikorrenti, isegwi illi s-socjeta rikorrenti m'ghandiex drittijiet tal-awtur fuq il-karattru ta' Gawdenz Bilocca, u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-intimati hija fondata u ghandha tigi milqugha.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta rikorrenti ghamlet ukoll talba ibbazata fuq id-drittijiet tal-vicin taghha, nonostante illi ma semmiet xejn fuq din it-talba fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha.

L-Artikolu 15 tal-Kap. 415 jipprovdi illi:

> "[i]*l-produtturi ta' reġistrazzjonijiet ta' smigħ għandhom, għar-rigward tar-reġistrazzjonijiet ta' smigħ tagħhom, u produtturi tal-ewwel fissazzjonijiet ta' xogħlijiet awdjoviżivi, għar-rigward tal-oriġinal u ta' kopji tax-xogħlijiet awdjoviżivi tagħhom, ikollhom id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:*
>
> *(a) ir-riproduzzjoni temporanja jew permanenti, sew diretta sew mhux diretta, b'kull mezz li jkun u f'kullforma, kollha kemm hi jew parti minnha;*
>
> *(b) il-kirja u s-self, ukoll wara d-distribuzzjoni tagħhom,jew bis-saħħa ta' awtorizzazzjoni, mill-produttur;*
>
> *(ċ) id-distribuzzjoni;*
>
> *(d) li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku b'mezzi bil-fil jew mingħajr fili b'dak il-mod li l-membri tal-pubbliku jistgħu ikollhom aċċess għalihom minn postu ħin li huma jagħżlu individwalment."*

Huwa car illi l-lanjanza tas-socjeta rikorrenti ma taqax taht dan l-artikolu, ghaliex ma titrattax ix-xoghol awdjoviziv prodott minnha, izda l-uzu tal-karattru ta' Gawdenz Bilocca f'xogholijiet godda. Ghalhekk din it-talba tirrizulta nfondata u ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimati, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eccezzjonijiet, tichad it-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta rikorrenti.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**